KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fil-25 ta' Lulju 2018[1]

**Kawża C-621/16 P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Ir-Repubblika Taljana**

"Appell — Is-sistema lingwistika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea — Avviżi ta' kompetizzjoni ġenerali — Limitazzjoni tat-tieni lingwa ta' kompetizzjoni u tal-lingwa ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO għall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż — Regolament Nru 1 — Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni — Reklutaġġ ta' uffiċjali — Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa — Ġustifikazzjonijiet"

## I. Introduzzjoni

1. Fl-2014, l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (iktar 'il quddiem l-"EPSO") ippubblika żewġ avviżi ta' kompetizzjoni ġenerali. Dawk l-avviżi ppermettew li l-kandidati jagħżlu biss l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż bħala t-tieni lingwa għal dawk il-kompetizzjonijiet. Barra minn hekk, l-avviżi ppermettew biss l-użu ta' dawn it-tliet lingwi għal komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO.

2. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Taljana kkontestat il-legalità ta' dik il-limitazzjoni doppja għal dawk it-tliet lingwi. Permezz tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Settembru 2016, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-353/14 u T-17/15, EU:T:2016:495), il-Qorti Ġenerali annullat iż-żewġ avviżi.

3. Permezz ta' dan l-appell il-Kummissjoni qiegħda tikkontesta s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u għalhekk qed tistieden lil din il-qorti, għal darba oħra[2], biex tieħu pożizzjoni fuq il-limiti legali dwar restrizzjonijiet ta' lingwi li l-EPSO tista' timponi fuq il-kandidati li jixtiequ jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet ġenerali.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 Ara s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-566/10 P, EU:C:2012:752).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt primarju*

*1. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*

4. Bis-saħħa tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 24 TFUE "Kull ċittadin ta' l-Unjoni jista' jikteb lil kull waħda mill-istituzzjonijiet, korpi u organi imsemmija f'dan l-Artikolu jew fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea b'waħda mil-lingwi msemmija fl-Artikolu 55 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jkollu tweġiba bl-istess lingwa".

5. L-Artikolu 342 TFUE jgħid li: "In-normi li jirregolaw il-lingwi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, jiġu stabbiliti mill-Kunsill, b'mod unanimu permezz ta' regolament."

*2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

6. Skont l-Artikolu 21(1) tal-Karta: "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq […] il-lingwa […] għandha tkun projbita".

7. L-Artikolu 41(4) tal-Karta jgħid li ġej: "Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni f'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa."

### *B. Id-dritt sekondarju*

*1. Ir-Regolament Nru 1*

8. L-Artikoli 1, 2, 5 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddeterminaw il-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea[3], kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013[4] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1"), jgħidu:

"Artikolu 1

Il-lingwi uffiċjali u l-lingwi ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż"

Artikolu 2

Id-dokumenti li Stat Membru jew persuna soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jibagħtu lill-istituzzjonijiet tal-[Unjoni] jistgħu jitfasslu f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali magħżula minn min jibgħat. Ir-risposta għandha titfassal fl-istess lingwa.

3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5.

4 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jadatta ċerti regolamenti u deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-moviment liberu tal-persuni, d-dritt soċjetarju, il-politika tal-kompetizzjoni, l-agrikoltura, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, il-politika tat-trasport, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-istatistika, in-netwerks trans-Ewropej, id-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-ambjent, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża u l-istituzzjonijiet, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU 2013 L 158, p. 1.)

[…]

Artikolu 5

Il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* għandu jkun ippubblikat fil-lingwi uffiċjali.

Artikolu 6

L-istituzzjonijiet tal-[Unjoni] jistgħu jistipulaw fir-regoli ta' proċedura tagħhom liema minn dawn il-lingwi għandhom jintużaw f'każijiet speċifiċi."

*2. Ir-Regolamenti tal-Persunal.*

9. L-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-[Unjoni Ewropea][5], kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013[6] (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") huwa fformulat kif ġej:

"1. Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kull diskriminazzjoni bbażata fuq kull raġuni, bħa[l-], lingwa […] hija pprojbita.

[…]

6. Waqt li jkun irrispettat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju tal-proporzjonalità, kull limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom trid tkun iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli, u trid tkun immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal. […]"

10. It-Titolu III tar-Regolamenti tal-Persunal huwa intitolat "Karriera ta' uffiċjali". Il-Kapitolu 1 tiegħu huwa intitolat "Kundizzjonijiet ta' reklutaġġ" u huwa kompost mill-Artikoli 27 sa 34.

11. Bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal: "Ir-reklutaġġ għandu jkollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjoni jkollha s-servizzi ta' uffiċjali tal-ogħla livell ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, magħżula mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni. L-ebda pożizzjoni ma tkun riservata għal ċittadini ta' xi Stat Membru speċifiku".

12. L-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi:

"Uffiċjal jista' jkun appuntat biss bil-kondizzjoni li:

(a) huwa ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni, sakemm eċċezzjoni ma tkunx awtorizzata mill-awtorità tal-ħatra, u jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa jkun wettaq kull obbligu mpost fuqu mill-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi ta' karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) huwa, suġġett għall-Artikolu 29(2), għadda minn kompetizzjoni bbażata fuq jew kwalifiki jew eżamijiet, jew kemm kwalifiki kif ukoll eżamijiet, kif provdut fl-Anness III;

(e) huwa fil-forma fiżika xierqa biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

5 Regolament Nru 31 (KEE)/11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 1962, 45, p. 1385)

6 ĠU 2013 L 287, p. 15.

(f) jipproduċi evidenza ta’ għarfien komplut ta’ waħda mill-lingwi tal-Unjoni u ta’ għarfien sodisfaċenti ta’ lingwa oħra tal-Unjoni sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.”

13. Skont l-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal:

“Għal kull kompetizzoni, għandu jinħatar kumitat ta’ selezzjoni mill-awtorità tal-ħatra. Dan il-kumitat għandu jħejji lista ta’ kandidati idonei.

L-awtorità tal-ħatra għandha tiddeċiedi liema minn dawn il-kandidati għandha taħtar għall-postijiet battala.

[…]”

14. L-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal huwa intitolat “Kompetizzjonijiet”. L-Artikolu 1(1) tiegħu jipprovdi:

“L-avviż tal-kompetizzjonijiet jitħejja mill-awtorità tal-ħatra wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt.

Irid jispeċifika:

[…]

(f) fejn applikabbli, l-għarfien tal-lingwi meħtieġa minħabba n-natura speċjali tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew;

[…]”.

15. L-Artikolu 7(1) u (2) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal jgħid:

“L-istituzzjoniet għandhom, wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, jafdaw lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (minn issa ’l-quddiem ‘l-Uffiċċju’;) bir-responsabbiltà biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li standards uniformi huma applikati fil-proċeduri ta’ l-għażla ta’ l-uffiċjali tal-Unjoni, u fl-istima u fil-proċeduri ta’ l-eżami, riferuti fl-Artikoli 45 u 45a tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Il-kompitu ta’ l-Uffiċċju jkun li

(a) jorganizza, fuq talba ta’ l-istituzzjonijiet individwali, kompetizzjonijiet individwali;

[…]”.

*3. Id-Deċiżjoni 2002/620*

16. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2002/620/KE, li tistabbilixxi l-EPSO: [7]

7 Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti ta’ l-Awdituri, tal-Kmitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta’ Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 46).

"L-Uffiċċju għandu jeserċita s-setgħa ta' l-għażla mogħti lilu taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal u taħt l-Anness III tagħhom meta l-awtoritajiet tal-ħatra ta' l-istituzzjonijiet jiffirmaw din id-deċiżjoni. F'każijiet eċċezzjonali biss u bil-kunsens ta' l-Uffiċċju, l-istituzzjonijiet jistgħu jorganizzaw kompetizzjonijiet miftuħa tagħhom stess biex jilħqu ħtiġijiet speċifiċi għal persunal speċjalizzati ħafna".

17. L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2008/616 jipprovdi:

"Skond l-Artikolu 91a tar-Regolamenti tal-Persunal, talbiet u ilmenti li huma marbuta ma' l-eżerċitazzjoni tal-poteri mogħtija fl-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju. Kull appell f'dawn l-oqsma għandu jitressaq kontra l-Kummissjoni."

## III. Il-fatti u l-kawża prinċipali

18. Fit-13 ta' Marzu 2014, l-EPSO ppubblika l-Avviż ta' Kompetizzjoni Ġenerali EPSO/AD/276/14, sabiex tinħoloq lista ta' riżerva ta' amministraturi (AD 5) [8] (iktar 'il quddiem l-"avviż tal-kompetizzjoni ġenerali").

19. Fit-6 ta' Novembru 2014, l-EPSO ppubblika l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/294/14, sabiex tinħoloq lista ta' riżerva ta' amministraturi (AD 6) fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data [9] (iktar 'il quddiem l-"avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data").

20. L-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali u l-avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data (flimkien, iktar 'il quddiem, l-"avviżi kkontestati") it-tnejn jgħidu fit-taqsima introduttorja li r-Regoli Ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali (iktar 'il quddiem ir-"Regoli Ġenerali") [10] huma "parti integrali" ta' kull avviż ta' kompetizzjoni.

21. Ir-Regoli Ġenerali ġew ippubblikati mill-EPSO f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. It-taqsima introduttorja tar-Regoli Ġenerali tistipula li "[d]awn ir-regoli ġenerali huma parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, u flimkien mal-avviż, jiffurmaw il-qafas obbligatorju tal-proċedura tal-kompetizzjoni".

22. Fit-taqsima intitolata "Għarfien tal-lingwi", wara li hemm indikat li "Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni, l-għażla tat-tieni lingwa normalment tkun limitata għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż", ir-Regoli Ġenerali jipprovdu raġunijiet għal-limitazzjoni tat-tieni lingwa. Dik it-taqsima tar-Regoli Ġenerali tirreferi wkoll għal "Linji Gwida dwar l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPSO" adottati mill-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni fil-15 ta' Mejju 2013 (iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida ġenerali"). Il-Linji Gwida ġenerali huma annessi mar-Regoli Ġenerali u jipprovdu ġustifikazzjoni iktar speċifika għal-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż.

23. F'kull avviż ikkontestat, it-Taqsima III dwar l-"Eliġibbiltà", tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi. Il-kundizzjonijiet speċifiċi jinkludu l-ħtieġa ta' għarfien ta' żewġ lingwi: għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iddefinita bħala "lingwa prinċipali" jew il-"lingwa 1", u għarfien sodisfaċenti tal-Ingliż, tal-Franċiż jew tal-Ġermaniż, iddefiniti bħala "t-tieni lingwa" jew il-"lingwa 2". Din il-lingwa trid tkun differenti mil-lingwa 1.

8 ĠU 2014 C 74 A, p. 4.
9 ĠU 2014 C 391 A, p. 1.
10 ĠU 2014 C 60 A, p. 1.

24. Dwar il-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa, il-punt 2.3 tal-avviż tal-kompetizzjoni ġenerali jipprovdi:

"Skont is-sentenza [tas-27 ta' Novembru 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-566/10 P, Ġabra, EU:C:2012:752)], l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni jixtiequ, fil-qafas tal-kompetizzjoni preżenti, jistqarru r-raġunijiet għal-limitu tal-għażla tat-tieni lingwa għal numru limitat ta' lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

Għaldaqstant il-kandidati huma informati li l-għażliet tat-tieni lingwa aċċettati għal din il-kompetizzjoni ġew definiti b'konformità mal-interess tas-servizzi li jesiġi li dawk li jiġu rreklutati jkunu jistgħu jibdew jaħdmu mal-ewwel u jikkomunikaw b'mod effiċjenti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet jista' jiġi affettwat ħażin ħafna.

Abbażi tal-prassi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni li ilha titħaddem fir-rigward tal-lingwi użati għall-komunikazzjoni interna u b'kunsiderazzjoni wkoll tal-ħtiġijiet tas-servizzi dwar il-komunikazzjoni esterna u l-ipproċessar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma l-lingwi sekondarji l-aktar użati fl-Unjoni Ewropea u dawk l-aktar studjati bħala lingwi sekondarji. Dan jikkonferma l-livell ta' edukazzjoni u l-kompetenzi professjonali li attwalment wieħed jista' jistenna mill-kandidati f'pożizzjonijiet fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, jiġifieri l-għarfien ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi. Konsegwentement, meta wieħed iqabbel l-interess tas-servizz u l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-kandidati, meta jitqies il-qasam partikolari ta' din il-kompetizzjoni, ikun ġust li jiġu organizzati eżamijiet f'dawn it-tliet lingwi sabiex jiġi żgurat li, tkun xi tkun l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom, il-kandidati kollha jkunu jafu tajjeb mill-inqas waħda minn dawn it-tliet lingwi uffiċjali fil-livell ta' xogħol. Il-valutazzjoni tal-kompetenzi speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni jevalwaw il-kapaċità tal-kandidati li jkunu jistgħu jaħdmu minnufih f'ambjent simili għal dak li jsibu fl-impjieg.

Għall-istess raġunijiet, huwa indikat li tiġi ristretta l-lingwa ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-istituzzjoni, inkluża l-lingwa li biha jitfasslu l-applikazzjonijiet. Din l-eżiġenza tiżgura l-omoġeneità [fit-tqabbil tal-kandidati u fil-kontroll tal-applikazzjonijiet tagħhom].

Barra minn hekk, fl-interess ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha, inklużi dawk li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta, kulħadd huwa meħtieġ li jagħmel ċerti eżamijiet fit-tieni lingwa tiegħu, magħżula minn fost dawn it-tliet lingwi.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma jaffettwawx it-tagħlim ulterjuri tat-tielet lingwa ta' ħidma, b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal."

25. Il-punt 2.3 tal-avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data huwa fformulat f'termini essenzjalment identiċi.

26. Iż-żewġ avviżi kkontestati għalhekk jillimitaw il-lingwa li l-kandidati jistgħu jużaw biex jikkomunikaw mal-EPSO u li biha jiġu abbozzati l-applikazzjonijiet għat-tieni lingwa magħżula minn kull kandidat: l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż.

27. L-avviżi kkontestati jipprevedu wkoll regoli dwar il-lingwa li għandha tintuża – il-lingwa prinċipali jew it-tieni lingwa – għal kull test u eżerċizzju tal-kompetizzjonijiet. Iż-żewġ kompetizzjonijiet kienu jikkonsistu minn għadd ta' testijiet bil-kompjuter u għadd ta' eżerċizzji li għandhom jiġu evalwati f'ċentru ta' evalwazzjoni. L-avviż tal-kompetizzjoni ġenerali jiddetermina li l-kandidati kellhom jgħaddu wieħed mit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter (it-test tal-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni) u l-eżerċizzji kollha fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni fit-tieni lingwa magħżula. Imbagħad, l-avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, min-naħa tiegħu, jistabbilixxi li l-kandidati kellhom jgħaddu mill-eżerċizzji kollha li ma kinux ibbażati fuq il-kompjuter fit-tieni lingwa magħżula.

## IV. Is-sentenza appellata u l-proċeduri fil-Qorti tal-Ġustizzja

28. Fit-23 ta' Mejju 2014, ir-Repubblika Taljana ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tal-avviż tal-kompetizzjoni ġenerali (Kawża T-353/14).

29. Fil-15 ta' Jannar 2015, ir-Repubblika Taljana ppreżentat rikors ieħor quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament tal-avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data (Kawża T-17/15). Ir-Repubblika tal-Litwanja ġiet ammessa tintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Taljana.

30. Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kawżi T-353/14 u T-17/15 ingħaqdu flimkien kemm għall-finijiet tal-fażi orali tal-proċedura kif ukoll tad-deċiżjoni finali.

31. Essenzjalment, l-azzjonijiet imressqa mir-Repubblika Taljana kkontestaw il-legalità ta' żewġ aspetti tas-sistema lingwistika prevista mill-avviżi kkontestati. L-ewwel aspett jirrigwarda l-fatt li l-kandidati setgħu jagħżlu biss l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż bħala t-tieni lingwa fil-kompetizzjonijiet. It-tieni aspett ikkontestat kien il-limitazzjoni tal-lingwi ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO għal dawn it-tliet lingwi.

32. Fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, L-Italja vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [11], il-Qorti Ġenerali annullat l-avviżi kkontestati.

33. Permezz ta' dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-istat tal-proċeduri jippermetti hekk, għandha tiċħad it-talbiet fl-ewwel istanza bħala infondati, tordna lir-Repubblika Taljana tbati l-ispejjeż sostnuti fl-ewwel istanza u fl-appell, u tordna lir-Repubblika tal-Litwanja tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

34. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka erba' aggravji. L-ewwel aggravju jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talbiet quddiem il-Qorti Ġenerali. It-tieni u t-tielet aggravji jirrigwardaw il-legalità tal-limitazzjoni, fl-avviżi kkontestati, tal-għażla tat-tieni lingwa għall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-limitazzjoni tal-għażla tal-lingwa ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO għal dawk it-tliet lingwi.

35. Ir-Repubblika Taljana titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

36. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Marzu 2017, ir-Renju ta' Spanja ġie awtorizzat jintervjeni sabiex isostni t-talbiet tar-Repubblika Taljana.

37. Sottomissjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-Renju ta' Spanja, mir-Repubblika Taljana u mill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet kollha interessati ressqu l-argument orali waqt is-seduta li saret fil-25 ta' April 2018.

## V. Evalwazzjoni

38. F'dawn il-konklużjonijiet, ser neżamina kull wieħed mill-aggravji invokati mill-Kummissjoni wara xulxin (it-Taqsimiet A, B, C u D rispettivament). Li ser iwassalni biex nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-appell. Mhux neċessarjament naqbel mal-argumanti legali kollha magħmula mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari ma' dawk li jikkonċernaw ir-raba' aggravju. Madankollu, naqbel mal-annullament tal-avviżi kkontestati ordnat mill-Qorti Ġenerali u għalhekk mal-andament ġenerali tal-kawża.

11 T-353/14 u T-17/15, EU:T:2016:495.

39. Il-minimaliżmu ġudizzjarju huwa virtù. Madankollu, nistaqsi sa fejn din id-dikjarazzjoni tibqa' valida f'sitwazzjoni fejn l-Awla Manja terġa' tintalab, fi żmien ftit snin biss, biex tindirizza l-kwistjoni tal-limitazzjonijiet għall-għażla tat-tieni lingwa f'avviżi ta' kompetizzjoni. Hemm ukoll mill-inqas tużżana każijiet simili li huma jew pendenti jew li ġew deċiżi fil-Qorti Ġenerali [12], bit-tema rikorrenti tkun il-kwistjoni usa' tas-sistema lingwistika tal-istituzzjonijiet [13]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, filwaqt li jitqies ukoll li hemm inkwistjoni l-ħajjiet, l-aspettattivi u l-karrieri individwali, jista' jkun rakkomandabbli li tingħata mill-inqas xi gwida dwar x'jistgħu jagħmlu l-istituzzjonijiet meta jistabbilixxu limitazzjonijiet fir-rigward tal-użu ta' lingwi ta' ħidma bbażati fuq l-interessi tas-servizz (E).

### *A. L-ewwel aggravju: fuq l-ammissibbiltà tat-talbiet quddiem il-Qorti Ġenerali*

40. L-ewwel aggravju tal-Kummissjoni huwa maqsum f'erba' partijiet. Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-Kummissjoni ssostni li hemm żball ta' liġi, fil-punti 45 sa 52 tas-sentenza appellata, fl-interpretazzjoni tan-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali peress li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx l-effetti vinkolanti tagħhom.

41. Bl-istess mod, permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li "r-regoli ġenerali u l-linji gwida ġenerali għandhom jiġu interpretati li jikkostitwixxu, l-iktar l-iktar, komunikazzjonijiet fis-sens tal-punt 91 tas-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-566/10 P, EU:C:2012:752), li jistipulaw kriterji li l-EPSO bi ħsiebu jimxi magħhom fl-għażla tas-sistema lingwistika tal-kompetizzjoni li huwa inkarigat li jorganizza".

42. Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li hemm żball ta' liġi fil-punti 65 sa 71 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali eżaminat n-natura ġuridika tal-avviżi kkontestati. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi naqset milli tevalwa jekk l-avviżi kkontestati jikkostitwixxux att konfermattiv.

43. Fl-aħħar nett, permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tallega żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal. Hija tikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 53 sa 57 tas-sentenza appellata, li tgħid li dak l-artikolu "tippermetti biss li l-EPSO jingħata r-responsabbiltà li jieħu miżuri ta' applikazzjoni ta' regoli uniformi u mhux dik li jadotta regoli vinkolanti ġenerali u astratti".

44. Fil-fehma tiegħi, il-partijiet differenti tal-ewwel aggravju jqajmu essenzjalment żewġ kwistjonijiet. L-ewwel waħda tikkonċerna l-kwistjoni tan-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali (l-ewwel u t-tielet partijiet) u tal-avviżi kkontestati (ir-raba' parti). It-tieni kwistjoni hija jekk l-EPSO kellux is-setgħa li jadotta r-Regoli Ġenerali (it-tieni parti).

45. Madankollu, sabiex tiddeċiedi fuq l-ewwel aggravju, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tindirizza dawn il-partijiet kollha. Il-kwistjoni prinċipali hija r-raba' parti ta' dan l-aggravju, li tirrigwarda n-natura ġuridika tal-avviżi kkontestati. Dawn l-avviżi huma, fil-fehma tiegħi, b'mod ċar vinkolanti, fihom u minnhom innifishom, irrispettivament min-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali (1). Sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-istess konklużjoni dwar in-natura ġuridika ta' dawn l-avviżi, l-argumenti l-oħra mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel aggravju jsiru sempliċiment ineffettivi (2 u 3).

12 Ikkwotati iktar 'l isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna 58 u 59.

13 Barra mill-kawżi kkwotati fil-partijiet li ġejjin ta' dawn il-konklużjonijiet, nirreferi għall-kawża parallela li għadha pendenti quddiem l-Awla Manja li tindirizza kwistjonijiet simili ħafna, jiġifieri Spanja vs Il-Parlament (C-377/16). Il-konklużjonijiet illuminanti tal-kollega erudita tiegħi l-Avukat Ġenerali Sharpston f'dik il-kawża, li kelli l-benefiċċju naqra f'abbozz, għandhom jingħataw fl-istess data bħal dawn il-konklużjonijiet.

*1. Ir-raba' parti tal-ewwel aggravju: in-natura ġuridika tal-avviżi kkontestati*

46. L-appell tal-Kummissjoni jsostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi naqset milli tevalwa jekk l-avviżi kkontestati kinux jikkostitwixxu atti konfermattivi. Il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma qabblitx il-kontenut tal-avviżi kkontestati mal-kontenut tar-Regoli Ġenerali li, sa fejn hija kkonċernata s-sistema lingwistika, kienu identiċi. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li l-avviżi kkontestati kienu miżura li sempliċement ikkonfermat il-miżuri li għandhom effetti vinkolanti, jiġifieri r-Regoli Ġenerali.

47. Fil-fehma tiegħi, l-avviżi kkontestati huma evidentement vinkolanti fihom u minnhom innifishom.

48. L-ewwel nett, u minn perspettiva testwali, l-argument tal-Kummissjoni li l-avviżi kkontestati ma għandhomx effetti vinkolanti jidher li huwa kkontradett mir-Regoli Ġenerali stess, li t-taqsima introduttorja tagħhom tiddikjara li "[d]awn ir-regoli ġenerali huma parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, u *flimkien mal-avviż, jiffurmaw il-qafas obbligatorju* tal-proċedura tal-kompetizzjoni" (enfasi miżjuda).

49. It-tieni nett, meta wieħed iħares lejn it-tħaddim tas-sistema, is-sistema lingwistika għal kull kompetizzjoni kienet komposta minn żewġ saffi: is-saff *ġenerali* kkostitwit mir-Regoli Ġenerali, u s-saff *individwali* magħmul minn kull avviż tal-kompetizzjoni. Għalhekk, dak li ddetermina s-sistema lingwistika f'kull każ individwali kien jew (i) l-avviż ta' kompetizzjoni rilevanti, jew (ii) l-avviż ta' kompetizzjoni rilevanti kkunsidrat flimkien mar-Regoli Ġenerali.

50. Għalhekk, minn kwalsiasi qari u komprensjoni tas-sistema, l-avviżi *jkunu dejjem inklużi* fl-istabbiliment tas-sistema lingwistika għall-kompetizzjoni individwali. Lanjant potenzjali [14] li jixtieq jikkontesta l-legalità tal-għażla ta' lingwi ddikjarati f'avviż ta' kompetizzjoni kellhom jikkontestaw, bħala l-miżura vinkolanti, jew l-avviż jew l-avviż flimkien mar-Regoli Ġenerali. Fi kliem ieħor, jekk jixtieq jikkontesta parametri ta' kompetizzjoni *individwali*, dak il-lanjant ma jistax jikkontesta r-Regoli Ġenerali biss. Fil-fatt, ir-Regoli Ġenerali jipprovdu speċifikament li *sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni*, l-għażla tat-tieni lingwa *normalment* tkun limitata għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż (enfasi miżjuda).

51. Għalhekk, peress li kien possibbli li kull avviż ta' kompetizzjoni ma jużax it-tieni lingwa predefinita prevista mir-Regoli Ġenerali [15], jidhirli li huwa ċar li r-rekwiżiti lingwistiċi ta' kull kompetizzjoni individwali ma jistgħux jitqiesu li huma ddefiniti b'mod sħiħ sakemm jiġi ppubblikat l-avviż tal-kompetizzjoni. Dan jikkonfermah ukoll l-Artikolu 1(1) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li jelenka dak li għandu jissemma fl-avviżi tal-kompetizzjoni. Skont il-punt (f) ta' din id-dispożizzjoni, l-avviżi tal-kompetizzjonijiet għandhom jiddikjaraw, "fejn applikabbli, l-għarfien tal-lingwi meħtieġa minħabba n-natura speċjali tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew".

52. Fl-aħħar nett, nixtieq inżid li l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-avviżi kkontestati huma miżuri li sempliċement jikkonfermaw ir-Regoli Ġenerali tista' twassal, jekk tittieħed fil-konklużjonijiet loġika kollha tagħha, għal numru ta' riżultati assurdi.

14 Jista' jiġi enfasizzat li b'dan irrid infisser *kwalunkwe* rikorrent, irrispettivament minn jekk dan huwiex individwu jew Stat Membru. Jidher li l-assunzjoni impliċita fl-argumenti tal-Kummissjoni hija li peress li r-Repubblika Taljana hija Stat Membru, li huwa applikant privileġġat skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u x'aktarx li jkollu *locus standi* biex jikkontesta r-Regoli Ġenerali direttament, hija kellha tagħmel hekk u mhux "stenniet" biex dawn "jiġu implimentati fil-prattika" minn avviż ta' kompetizzjoni individwali. Għal darba oħra, huwa biżżejjed li ngħid li dak li r-Repubblika Taljana għażlet li tikkontesta ma kinux ir-Regoli Ġenerali, imma l-kompetizzjonijiet individwali kif stabbiliti fl-avviżi individwali.

15 Dan huwa l-każ mhux biss għal kompetizzjonijiet b'rekwiżiti lingwistiċi speċifiċi, bħal kompetizzjonijiet għal ġuristi lingwisti, imma wkoll, pereżempju, għal kompetizzjonijiet għal aġenziji speċifiċi tal-Unjoni li għandhom numru limitat ta' lingwi ta' ħidma. Jista' jkun ukoll il-każ għal kompetizzjonijiet għal aġenziji jew korpi oħra li jinsabu fi Stat Membru li l-lingwa uffiċjali tiegħu hija differenti mit-tliet lingwi predefiniti, fejn l-għarfien ta' dik il-lingwa huwa meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-aġenzija jew tal-korp.

53. L-ewwel nett, f'termini prattiċi, rikorrenti individwali (mhux ipprivileġġjati) ma jkollhomx *locus standi* biex jikkontestaw xi ħaġa f'kompetizzjoni. Minn naħa, jidher li jkun pjuttost diffiċli jew kważi impossibbli għalihom biex jipprovaw li r-Regoli Ġenerali "jirrigward[awhom] direttament u individwalment", kif meħtieġ skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Min-naħa l-oħra, huma lanqas ma jkunu jistgħu jikkontestaw l-avviż individwali, peress li jkun biss "konferma". Għalhekk, il-protezzjoni ta' individwi effettivament tispiċċa bejn żewġ alternattivi mhux sodisfaċenti, peress li l-individwu ma jkun jista' jikkontesta xejn.

54. It-tieni nett, it-terminu ta' xahrejn biex tippreżenta azzjoni għal annullament, li jinsab fis-sitt subparagrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ikun impossibbli li jintlaħaq f'ħafna każijiet, għax wieħed jista' liberament jassumi li l-biċċa l-kbira tal-avviżi tal-kompetizzjoni jkunu ppubblikati wara l-għeluq ta' din id-data ta' skadenza. Il-problemi kemm dwar il-*locus standi* kif ukoll dwar it-termini huma aggravati iktar minħabba l-fatt li, meta r-Regoli Ġenerali jiġu ppubblikati, individwu ma jistax ikun mistenni li jkun jaf jekk huwiex interessat jieħu sehem f'kompetizzjoni organizzata xhur jew saħansitra snin wara.

55. It-tielet nett, l-approċċ propost mill-Kummissjoni jista' wkoll ikun kompletament imprevedibbli. Il-possibbiltà li jiġu kkontestati r-Regoli Ġenerali tiddependi fuq l-għażla tal-lingwi offruta mill-EPSO f'kull avviż ta' kompetizzjoni sussegwenti. Fil-fatt, dan l-approċċ ifisser effettivament li jekk l-avviż ta' kompetizzjoni jillimita t-tieni lingwa għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż, dan l-avviż ma jistax jiġi kkontestat, peress li huwa biss miżura li tikkonferma r-regola predefinita tar-Regoli Ġenerali. Madankollu, jekk avviż ta' kompetizzjoni stabbilixxa għażla differenti tat-tieni lingwi, dan jista' jkun ikkontestat peress li ma jitqiesx bħala att konfermattiv [16].

56. Fil-fehma tiegħi, dawn l-argumenti juru b'mod pjuttost ċar li kull avviż ta' kompetizzjoni individwali huwa att li jista' jiġi kkontestat fuq il-mertu tiegħu stess, irrispettivament minn jekk ir-rekwiżiti tat-tieni lingwa li jistabbilixxi jitbegħdux jew le mis-sistema predefinita prevista mir-Regoli Ġenerali. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li "l-avviżi kkontestati jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali vinkolanti fir-rigward tas-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet inkwistjoni u jikkostitwixxu, għalhekk, atti li jistgħu jiġu kkontestati".

57. Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-ewwel aggravju hija infondata.

58. Kif diġà indikajt fil-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet, fid-dawl ta' din il-konklużjoni, l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fil-partijiet l-oħra tal-ewwel aggravju b'hekk isiru ineffettivi: peress li l-avviżi ta' kompetizzjoni individwali setgħu fi kwalunkwe każ jiġu kkontestati b'mod indipendenti, il-kwistjonijiet tan-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali, u ta' jekk dawn setgħux jiġu kkontestati jew le separatament, isiru irrilevanti għall-iskop ta' dan l-appell.

59. Għaldaqstant, nissuġġerixxi li ma hemmx ħtieġa għall-Qorti tal-Ġustizzja li tindirizza xi waħda mill-partijiet l-oħra tal-ewwel aggravju. Madankollu, għall-finijiet ta' kompletezza, u sabiex nassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod sħiħ fil-każ li tasal għal konklużjoni differenti dwar in-natura ġuridika tal-avviżi, issa ser nittratta b'mod konċiż it-tliet partijiet li fadal tal-ewwel aggravju.

16 Bħala punt ta' kuntest, mingħajr ebda konklużjoni minn dak il-fatt għal din il-kawża, jista' jiġi nnotat li l-EPSO neħħa l-prattika li jippubblika r-Regoli Ġenerali b'mod separat u li jagħmel riferiment għalihom f'kull avviż ta' kompetizzjoni. Ir-Regoli Ġenerali issa jidhru li huma sistematikament integrati bħala anness f'kull avviż ta' kompetizzjoni. Ara, pereżempju, l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/338/17 biex titħejja lista ta' riserva ta' amministraturi (AD 5) (ĠU 2017 C 99 A, p. 1), l-avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/354/17 biex titħejja lista ta' riserva ta' ġuristi lingwisti Latvjani (AD 7) u EPSO/AD/355/17 biex titħejja lista ta' riserva ta' ġuristi lingwisti Maltin (AD 7) (ĠU 2017 C 418 A, p. 1), jew l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/356/18 biex titħejja lista ta' riserva ta' amministraturi (AD 5) (ĠU 2018 C 88 A, p. 1) (iktar 'il quddiem l-"avviż ta' kompetizzjoni ġenerali tal-2018").

*2. L-ewwel u t-tielet partijiet tal-ewwel aggravju: in-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali*

60. Bl-ewwel u bit-tielet partijiet tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat in-natura ġuridika tar-Regoli Ġenerali. Il-Kummissjoni tqis li r-Regoli Ġenerali pproduċew effetti vinkolanti sa fejn stabbilew il-qafas legali lingwistiku applikabbli għall-kompetizzjonijiet, li l-avviżi ta' kompetizzjoni sempliċement ikkonfermaw.

61. Ikolli naqbel mal-ewwel parti tal-argument tal-Kummissjoni: jiġifieri li r-Regoli Ġenerali huma att ġuridiku li jista' jiġi kkontestat fihom innifishom. Madankollu, b'kuntrast mat-tieni parti tal-argument tal-Kummissjoni, u għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, din id-dikjarazzjoni, fil-fehma tiegħi, bl-ebda mod ma tipprekludi l-fatt li anki avviżi ta' kompetizzjoni individwali jistgħu jiġu kkontestati.

62. Jidher, fid-dawl ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li r-Regoli Ġenerali tassew jistgħu jitqiesu bħala li jipproduċu *effetti legali vinkolanti*. Il-Qorti tal-Ġustizzja deċidiet b'mod kostanti, li kwalunkwe dispożizzjonijiet adottati mill-istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċu effetti legali obbligatorji jitqiesu bħala "atti li jistgħu jiġu kkontestati" fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE [17]. Sabiex tiddetermina jekk l-att ikkontestat jipproduċix effetti legali vinkolanti, huwa meħtieġ li tiġi eżaminata s-sustanza ta' dak l-att u li dawn l-effetti jiġu evalwati fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut ta' dak l-att, wara li jitqies, meta jkun meħtieġ, il-kuntest li fih ġie adottat u s-setgħat tal-istituzzjoni li adottat l-att [18].

63. Fl-ewwel lok, fir-rigward ta' kliemhom, ir-Regoli Ġenerali huma msejħa "regoli", mhux "prinċipji" jew "qafas" jew kwalunkwe terminu ieħor li jirreferi għal sempliċi rakkomandazzjoni. Huma fformulati wkoll f'termini pjuttost obbligatorji [19], u b'mod ċar imorru lil hinn minn kull stedina jew suġġeriment. It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-kontenut tagħhom, il-parti introduttorja tar-Regoli Ġenerali tiddikjara b'mod espliċitu li dawn jikkostitwixxu (flimkien mal-avviż ta' kompetizzjoni), "il-qafas obbligatorju tal-proċedura tal-kompetizzjoni".

64. It-tielet nett, fuq il-livell sistemiku, in-natura vinkolanti tar-Regoli Ġenerali tista' tiġi dedotta wkoll mill-fatt li, fil-prattika u, tal-inqas, dawn joħolqu obbligi li jaqgħu fuq l-EPSO nnifsu. Fil-fatt, ir-Regoli Ġenerali jimponu fuq l-EPSO – jew, skont kif ikun il-każ, fuq istituzzjoni speċifika li torganizza kompetizzjoni ġenerali – *obbligu ta' motivazzjoni* biex wieħed jitbiegħed mir-regoli tas-sistema predefinita għall-għażla tat-tieni lingwa. Dan id-dover li espressament ikun hemm deroga jew "nonparteċipazzjoni" fir-Regoli Ġenerali f'avviż ta' kompetizzjoni speċifiku sabiex tiġi stabbilita għażla tal-lingwi differenti neċessarjament timplika li r-Regoli Ġenerali huma vinkolanti. Kieku ma kinux vinkolanti, ma jkunx jeżisti obbligu ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni li ma jiġux segwiti r-Regoli Ġenerali.

65. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dubju li dik id-dimensjoni istituzzjonali, fejn in-natura vinkolanti tar-Regoli Ġenerali tistabbilixxi l-obbligu ta' motivazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn dawn ir-regoli, għandha riperkussjonijiet usa'. Billi stabbilixxa din is-sistema predefinita fir-Regoli Ġenerali, l-EPSO ħoloq aspettattivi leġittimi għal kandidati fir-rigward tar-regoli li suppost jiġu segwiti mhux biss mill-kandidati, imma wkoll mill-EPSO nnifsu. Kwalunkwe strument bħal dak adottat minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni għalhekk jista' raġonevolment jitqies bħala (awto)limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħhom stess fil-futur [20], u b'hekk b'mod ċar tissaħħaħ ir-rilevanza normattiva ta' kwalunkwe dokument bħal dan.

17 L-iktar riċenti, ara s-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Ir-Regoli Ġenerali jgħidu li "[s]akemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni, l-għażla tat-tieni lingwa *normalment tkun* limitata għall-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż" u sussegwentement jistabblixxu li "huwa *meħtieġ li jagħmel* it-testijiet fit-tieni lingwa tiegħu, magħżula minn fost dawn it-tliet lingwi." (enfasi miżjuda). Il-Linji Gwida Ġenerali jibdew billi jiddikjaraw li "[h]uwa kkonfermat li, bħala regola ġenerali, l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPSO *jkun* kif ġej", u wara jingħad li "ċ-ċentri ta' evalwazzjoni *jsiru* biss fit-tieni lingwa tal-kandidat, magħżula minn fost l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż" (enfasi miżjuda).

20 Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Expedia (C-226/11, EU:C:2012:795, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66. Fi ftit kliem, il-kliem u l-kontenut tar-Regoli Ġenerali, flimkien mal-kuntest tagħhom u mal-intenzjoni tal-EPSO meta abbozzahom, kollha jindikaw id-direzzjoni li jiġu rrikonoxxuti l-effetti legali vinkolanti tagħhom, bħala s-sistema predefinita li għandha tiġi applikata għal kompetizzjonijiet kollha, ħlief jekk l-EPSO jagħżel b'mod ċar biex ma japplikahomx speċifikament, ħaġa li trid tkun immotivata f'kull każ individwali.

67. Din il-konklużjoni bl-ebda mod ma hija kkontestata mill-fatt li, kif diġà indikajt fil-punti 53 u 54 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tressiq ta' talba għal annullament direttament u esklużivament kontra r-Regoli Ġenerali x'aktarx li tkun problematika f'termini ta' *locus standi* u ta' termini ta' dekadenza. Tabilħaqq, fuq livell individwali, ikun pjuttost diffiċli għal applikant futur f'kompetizzjoni li tkun ġejja li jipprova li huwa direttament u individwalment ikkonċernat mir-Regoli Ġenerali biex iressaq talba bħal dik, kif meħtieġ fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, Stat Membru – bħar-Repubblika Taljana f'din il-kawża – jew rikorrent privileġġat ieħor, ma għandu għalfejn jipprova l-ebda interess bħal dan [21].

68. Madankollu, għalkemm il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma rrikonoxxietx l-effetti vinkolanti tar-Regoli Ġenerali, l-ewwel u t-tielet partijiet tal-ewwel aggravju huma ineffettivi. Fil-fatt, peress li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-avviżi kkontestati kellhom effetti vinkolanti u b'hekk b'mod korrett ippermettiet l-eżami ġudizzjarju tagħhom, il-fatt li hija ma rrikonoxxietx ukoll il-forza legali vinkolanti tar-Regoli Ġenerali ma kellu l-ebda impatt fuq id-dispożittiv tas-sentenza tagħha.

*3. It-tieni parti tal-ewwel aggravju: is-setgħat tal-EPSO*

69. Fl-aħħar nett, permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tinvoka żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li jistabbilixxi s-setgħat tal-EPSO, sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet is-setgħa tal-EPSO li jadotta "regoli vinkolanti ġenerali u astratti".

70. Għal darba oħra, ma jidhirlix li huwa meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza din il-parti tal-ewwel aggravju. Fil-fatt, peress li l-argumenti ewlenin tal-Qorti Ġenerali għall-annullament tal-avviżi kkontestati kienu ta' natura differenti, ma narax kif il-kontestazzjoni ta' kumment inċidentali mill-Qorti Ġenerali tista' twassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Din il-parti tal-ewwel aggravju hija għalhekk ineffettiva.

71. Madankollu, nixtieq nenfasizza li, kieku tali argument kellu jiġu evalwat, tkun meħtieġa diskussjoni ferm iktar dettaljata sabiex jiġi interpretat b'mod korrett l-Artikolu 7(1) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal u jiġi evalwat ir-rwol tar-Regoli Ġenerali fid-dawl tas-setgħat mogħtija lill-EPSO permezz ta' din id-dispożizzjoni.

72. L-Artikolu 7(1) jiddikjara li l-EPSO huwa fdat bir-responsabbiltà biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li *standards uniformi* jkunu applikati fil-proċeduri tal-għażla tal-uffiċjali tal-Unjoni.

21 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-355/10, EU:C:2012:516, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata). Kif diġà indikat iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, madankollu dan il-fatt ma jistax jiddawwar b'tali mod li jiġi ssuġġerit li peress li Stat Membru potenzjalment diġà kien ikkontesta r-Regoli Ġenerali, dan ibiddel l-avviżi f'sempliċi "atti konfermattivi" (imma preżumibbilment fir-rigward biss ta' dak l-Istat Membru speċifiku?).

73. Meta wieħed iħares lejn it-test u l-kuntest u l-loġika tiegħu, jien ma naqbilx, minn naħa, mal-konstatazzjoni kemxejn ġenerali u kategorika tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li skont l-Artikolu 7(1) l-EPSO ma jista' qatt jiġi permess li jadotta "regoli vinkolanti ġenerali u astratti". Jekk l-EPSO jrid jiżgura li standards uniformi jiġu applikati fil-*proċeduri* tal-għażla, jiġifieri fil-kompetizzjonijiet kollha, dan neċessarjament jimplika li għandu jkollu s-setgħa li jadotta regoli ġenerali li jistgħu jiġu applikati għal kompetizzjonijiet futuri, kif indikat ġustament il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha.

74. Madankollu, min-naħa l-oħra, u b'kuntrast mal-Kummissjoni, jien inqis li l-kamp ta' applikazzjoni *sostantiv* tas-setgħat mogħtija lill-EPSO minn din id-dispożizzjoni huwa ferm inqas ċar. L-EPSO jista' ċertament jadotta "regoli vinkolanti ġenerali u astratti" – jew, fil-kliem l-Artikolu 7(1), "standards uniformi" – rigward l-organizzazzjoni teknika ta' kompetizzjonijiet, bħal, pereżempju, deċiżjoni prospettiva u ġenerali dwar it-tip ta' testijiet jew mistoqsijiet li għandhom isiru, l-użu (jew in-nuqqas ta' użu) tal-kompjuters, il-ħin permess biex jitwettqu t-testijiet, u l-bqija.

75. Madankollu, l-EPSO jista', bl-istess mod, jiddeċiedi effettivament dwar il-futur tas-sistema lingwistika fi ħdan l-istituzzjonijiet? Huwa verament possibbli li jiġi sostnut li l-għażla ta' lingwi tal-kompetizzjonijiet, li bla dubju ser ikollhom impatt fuq il-lingwi użati sussegwentement fi ħdan l-istituzzjonijiet, hija biss sempliċi regola teknika jew organizzattiva għal proċedura ta' għażla għal uffiċjali, li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "standard uniformi", fis-sens tal-Artikolu 7(1) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal?

76. Mingħajr ma jiġi ssuġġerit li hemm xi ħsieb li jsir dan, li tali possibbiltà tkun permessa jwassal biex is-sitwazzjoni toqrob ħafna b'mod perikoluż għall-evitar tar-Regolament Nru 1 u tal-Artikolu 342 TFUE, li jipprovdi li r-regoli li jirregolaw il-lingwi tal-istituzzjonijiet għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[22], jiġu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu. Din il-kwistjoni għandha wkoll dimensjoni *ratione temporis* qawwija ħafna. Anki devjazzjoni temporanja mis-sistema lingwistika li għandha tiġi applikata (korrettament) għal kompetizzjonijiet x'aktarx li jkollha effetti fit-tul fuq il-bilanċ lingwistiku futur fi ħdan l-istituzzjonijiet. Il-preżent jifforma l-futur, u għalhekk il-futur hekk ifformat dalwaqt jibda jiddefinixxi l-ħtiġijiet attwali oġġettivi tal-istituzzjonijiet f'termini ta' lingwi.

77. B'hekk, anki kieku fil-fatt tikkontesta dak il-kumment inċidentali tal-Qorti Ġenerali, inkun pjuttost sorpriż jekk il-Kummissjoni verament xtaqet tindirizza din il-kwistjoni (kostituzzjonali) sinjifikattiva fil-kuntest ta' dan l-appell. Hu x'inhu l-każ, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja issolvi din il-parti tal-ewwel aggravju sempliċement billi tiddeċiedi li, fid-dawl tat-talbiet tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' dan l-appell, din il-parti tal-ewwel aggravju hija ineffettiva.

### *B. It-tieni aggravju*

78. Permezz tal-*ewwel parti* tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 91 u 92 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta sostniet, fuq il-bażi tal-punt 102 tas-sentenza tat-27 ta' Novembru 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I")[23], li l-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa kienet tikkostitwixxi, fiha nnifsha, diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa. Il-Kummissjoni ssostni li dak il-punt irrefera għall-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' avviżi ta' kompetizzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali fil-lingwi

22 Artikolu 64 tal-Protokoll (Nru 3) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
23 C-566/10 P, EU:C:2012:752.

uffiċjali kollha. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddeċidiet, fil-punt 92 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa. Il-Kummissjoni targumenta li din id-dispożizzjoni tippermetti differenzi fit-trattament taħt ċerti kundizzjonijiet.

79. Fil-fehma tiegħi, din il-parti tat-tieni aggravju hija infondata.

80. L-ewwel nett, ir-riferiment li sar mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, għas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, kien riferiment addizzjonali magħmul f'konklużjoni ta' argument u introdotti minn "ara f'dan is-sens". Jirriżulta b'mod ċar li dik iċ-ċitazzjoni ma kinitx tikkostitwixxi bażi għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, f'dak il-punt, li l-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa. Ir-raġunijiet għal din il-konklużjoni huma indikati fil-punti ta' qabel ir-riferiment ikkontestat fil-punt 91. Permezz ta' dan l-argument, il-Kummissjoni tidher għal darba oħra li qed tikkontesta riferiment inċidentali imma mhux ir-raġunijiet sostantivi għal kumment tal-Qorti Ġenerali.

81. It-tieni nett, meta ddikjarat, fil-punt 92 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa, ma jsegwix li l-Qorti Ġenerali kellha l-intenzjoni li teskludi l-possibbiltà li tiġġustifika tali diskriminazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat espressament, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 1d jippermetti limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

82. Jien għalhekk nikkunsidra li, fil-punt 92 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement fakkret li l-prinċipju ġenerali tal-Artikolu 1d huwa l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħal, *inter alia*, il-lingwa. Madankollu, meta wieħed jaqra t-taqsima kollha tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, minn din id-dikjarazzjoni ma jistax jiġi dedott li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Artikolu 1d ma jippermettix li tali diskriminazzjoni tkun iġġustifikata taħt ċerti kundizzjonijiet.

83. Permezz tat-*tieni parti* tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-punti 98 sa 104 tas-sentenza appellata jikkostitwixxu motivazzjoni żbaljata, peress li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk ir-Regoli Ġenerali kinux "komunikazzjonijiet" jew "atti oħrajn" fis-sens tal-punt 91 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija insuffiċjenti peress li l-Qorti Ġenerali eżaminat biss il-ġustifikazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa li tinsab fl-avviżi kkontestati, imma mhux il-ġustifikazzjoni tagħha li tinsab fir-Regoli Ġenerali.

84. Fil-fehma tiegħi, anki din il-parti tat-tieni aggravju hija infondata.

85. Huwa minnu li fil-punt 91 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, il-Qorti tal-Ġustizzja nnutat, l-ewwel nett, li l-istituzzjonijiet ikkonċernati mill-kompetizzjonijiet inkwistjoni f'dik il-kawża qatt ma kienu adottaw regoli ta' proċedura skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1. Hija mbagħad żiedet tgħid li "l-Kummissjoni lanqas ma invokat l-eżistenza ta' *atti oħrajn*, bħal *komunikazzjonijiet* li jistipulaw il-kriterji għal limitazzjoni tal-għażla ta' lingwa bħala t-tieni lingwa għall-parteċipazzjoni għall-kompetizzjonijiet" (enfasi miżjuda). Fl-aħħar nett, innotat li l-avviżi tal-kompetizzjoni kkontestati f'dik il-kawża "ma [kien] fihom l-ebda motivazzjoni li tiġġustifika l-għażla tat-tliet lingwi inkwistjoni". Din l-aħħar sentenza kienet attwalment fil-qalba tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, sa fejn hija ddeċidiet, fil-punt 90 ta' dik is-sentenza, ir-"regoli li jillimitaw l-għażla tat-tieni lingwa għandhom jipprevedu kriterji ċari, oġġettivi u prevedibbli sabiex il-kandidati jkunu jistgħu jsiru jafu suffiċjentement bil-quddiem liema eżiġenzi lingwistiċi huma meħtieġa, u dan sabiex ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom għall-kompetizzjonijiet fl-aħjar kundizzjonijiet".

86. Madankollu, ma nistax nara kif din il-motivazzjoni speċifika tal-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-konsegwenzi li l-Kummissjoni donnha qed tattribwilha. Ma jidhirlix li fil-punt 91 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet xi kriterji li abbai tagħhom għandha tiġi evalwata n-natura ġuridika ta' dawk il-komunikazzjonijiet, u wisq inqas li qalet li t-tali evalwazzjoni,

fil-fatt, ikollha titwettaq sabiex "tattiva" dak li ġie ddikjarat fil-punt 91. Ir-riferiment għal "*atti oħrajn*, bħal *komunikazzjonijiet*" sempliċement ifisser, fil-fehma tiegħi, li dik l-istituzzjoni għandha tadotta kull att (ġeneriku ta' kwalunkwe tip) bħal dan sabiex il-kandidati jistgħu jkunu jafu minn qabel x'se jkun mitlub minnhom. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza appellata, ma eżaminatx jekk ir-Regoli Ġenerali kinux jikkostitwixxu tali komunikazzjonijiet għall-finijiet tal-kumment tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 91 bl-ebda mod ma jivvizzja l-motivazzjoni tagħha.

87. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-ġustifikazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa stabbilita mir-Regoli Ġenerali. Sa fejn, kif donnha tirrikonoxxi l-Kummissjoni stess, ma hemmx sovrapożizzjoni bejn dan l-argument u l-kwistjonijiet imqajjma u trattat taħt l-ewwel aggravju [24], huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li fis-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali eżaminat il-ġustifikazzjoni li hemm mhux biss fl-avviżi kkontestati, imma wkoll fir-Regoli Ġenerali (il-punt 115) u fil-Linji Gwida Ġenerali (il-punt 116).

88. B'konsegwenza ta' dan, l-argumenti kollha mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tieni aggravju huma infondati.

## *C. It-tielet aggravju*

89. It-tielet aggravju jirrigwarda l-legalità tal-limitazzjoni għall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż bħala l-għażliet tat-tieni lingwa għall-kompetizzjonijiet. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija relatata mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal u r-relazzjoni preċiża tiegħu mal-Artikolu 28(f) tiegħu (1). It-tieni u t-tielet partijiet jirrigwardaw il-parametri magħżula mill-Qorti Ġenerali sabiex tistħarreġ il-legalità tal-avviżi ta' kompetizzjoni u l-intensità tal-istħarriġ li hija wettqet (2).

### *1. L-ewwel parti tat-tielet aggravju: ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal - il-lingwa hija kapaċità?*

90. Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal li jinsab fil-punt 106 ta' din is-sentenza. F'dak il-punt, il-Qorti Ġenerali qalet li huwa biss l-għan li jkun hemm kandidati li jistgħu jaħdmu immedjatament li jista' jiġġustifika diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwi. B'kuntrast ma' dan, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-għan ta' reklutaġġ ta' uffiċjali tal-ogħla standard ta' kapaċità, effiċjenza u integrità ma jistax jiġġustifika tali diskriminazzjoni. Dan minħabba li dawk il-kwalitajiet huma manifestament indipendenti minn għarfien lingwistiku.

91. Il-Kummissjoni ssostni li, skont l-Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-għarfien tal-lingwi huwa waħda mill-kundizzjonijiet sabiex wieħed jiġi rreklutat f'pożizzjoni fl-istituzzjonijiet. Għaldaqstant tikkunsidra li dan l-għarfien huwa parti mir-rekwiżiti ta' "kapaċità" fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal.

24 Indirizzati iktar 'il fuq, fil-punti 46 sa 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

92. Jista' jingħad li, minn perspettiva testwali, il-kunċett ta' "kapaċità" kif użat fl-Artikolu 27 jista' jiġi ddefinit bħala "li jkollok l-mezzi jew il-ħila li tagħmel xi ħaġa"[25] jew bħala "kompetenza biex tagħmel xi ħaġa" [traduzzjoni libera][26]. Din l-idea ta' "kapaċità" peress li hija relatata ma' "kompetenza" jew li jkun hemm il-ħila li "tagħmel" xi ħaġa hija kkonfermata wkoll minn verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolamenti tal-Persunal, li jużaw it-termini "compétence"[27] (bil-Franċiż), "Befähigung"[28] (bil-Ġermaniż), "competenza"[29] (bit-Taljan), "competencia"[30] (bl-Ispanjol) jew "způsobilost"[31] (biċ-Ċek).

93. It-tifsira preċiża tal-kunċett ta' "kapaċità" użat fl-Artikolu 27 tista' tiġi vvalutata wkoll b'mod sistematiku, b'riferiment għall-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxi l-"kondizzjoni" sabiex jinħatar uffiċjal, inkluż, fil-punt (f), il-kundizzjoni li l-kandidat "jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi tal-Unjoni u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu".

94. Madankollu, l-Artikolu 28 fih taħlita ta' elementi differenti. Xi wħud minn dawn l-elementi jistgħu jiġu kklassifikati bħala kundizzjonijiet ta' "eliġibbiltà", bħal pereżempju, il-kundizzjoni li tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri u li tgawdi minn drittijiet sħaħ bħala ċittadin (punt a), tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu tas-servizz militari (punt b), u li tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet tiegħek (punt e). Min-naħa l-oħra, elementi oħra jidhru li huma kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-"kompetenza" tal-uffiċjal, bħalma huwa li jiġu prodotti r-referenzi adegwati dwar il-karattru dwar l-adegwatezza tiegħu għall-qadi ta' dmirijietu (punt c) jew li jkun għadda minn kompetizzjoni bbażata fuq jew kwalifiki jew eżamijiet, jew kemm kwalifiki kif ukoll eżamijiet (punt d).

95. Fid-dawl ta' din it-taħlita ta' elementi differenti, nikkunsidra li ftit li xejn jista' wieħed jasal għal konklużjoni, jekk hemm, b'mod ċar minn tali argument sistematiku u r-relazzjoni bejn l-Artikoli 27 u 28 tar-Regolamenti tal-Persunal għad-diskuzzjoni dwar jekk dik il-lingwa għandhiex tiġi kkwalifikata bħala "għarfien" jew bħala "kapaċità" fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal.

96. Barra minn hekk, ma hemmx gwida ċara dwar din il-kwistjoni li tista' tiġi dedotta mill-punt 94 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma l-istituzzjonijiet li għandhom "jibbilanċjaw l-għan leġittimu li jiġġustifika l-limitazzjoni tan-numru ta' lingwi tal-kompetizzjonijiet u l-għan li jiġu identifikati l-kandidati li għandhom l-ogħla kwalitajiet ta' kompetenza"[32].

25 *Concise Oxford English Dictionary*, Ħdax-il edizzjoni., Editur Soanes, C., u Stevenson, A., Oxford University Press, Oxford, 2004.

26 Online *Merriam-Webster Dictionary* (disponibbli fi https://www.merriam-webster.com).

27 "Capacité reconnue en telle ou telle matière en raison de connaissances possédées et qui donne le droit d'en juger": *Le petit Larousse illustré*, Larousse, Pariġi, 2011.

28 "Das Befähigtsein; Eignung; Tauglichkeit; Begabung": *Duden. Deutches Universalwörterbuch*, is-Sitt Edizzjoni, Dudenverlag, Mannheim, Leipzig, Vjenna, Zürich, 2006.

29 "L'essere competente", bid-definizzjoni ta' "competente" mbagħad tkun "che ha la capacità, le qualità, le conoscenze, l'esperienza necessarie a fare bene qualcosa, a ben valutare, giudicare e sim.; esperto": *Dizionario italiano Garzanti*, Garzanti Linguistica, Milano, 2005.

30 "Pericia, aptitud o idoneidad para hacer algo o intervenir en un asunto determinado": *Diccionario de la lengua española*, it-Tlieta u għoxrin edizzjoni, Real Academia Española, Espasa Libros, Barcelona, 2014.

31 *Slovník spisovné češtiny*, ir-Raba' Edizzjoni, Akademia, Praga, 2009, tiddefinixxi "způsobilý" bħala "mající k něčemu potřebné schopnosti, předpoklady".

32 Jidhirli li l-frażi l-"kandidati li għandhom l-ogħla kwalitajiet ta' kompetenza", fir-rigward tas-sustanza tad-dikjarazzjoni, kellu suppost ifisser "il-kandidati li għandhom l-ogħla livell ta' ħila", billi f'verżjonijiet lingwistiċi oħra tas-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja użat l-istess kliem li jidher fil-verżjoni lingwistika rispettiva tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal (pereżempju, "ayant les plus hautes qualités de compétence" fil-verżjoni Franċiża, jew "dotati delle più alte qualità di competenza" fil-verżjoni Taljana, li kienet il-lingwa tal-kawża).

97. Fl-aħħar nett, huwa ċar ukoll li wieħed jifhem li l-kunċett ta' "kapaċità" fir-rigward ta' għarfien lingwistiku jista' sa ċertu punt jiddependi mill-kuntest, b'mod partikolari fid-dawl tal-pożizzjoni rreklamata. Pereżempju, fil-każ ta' kariga ta' traduttur, interpretu, jew ġurista lingwista, għarfien ta' lingwi jistgħu iktar faċilment jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kapaċità" jew "kompetenza" milli għal karigi oħra li jkunu jiddependu inqas fuq il-lingwa [33].

98. Personalment, ma nsib ebda diffikultà kbira, fuq il-bażi tat-tifsira naturali tal-kliem użat, li l-għarfien lingwistiku jiddaħħal taħt il-kunċett ta' "kapaċità" fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal [34]. Madankollu, fil-fatt għandi ftit iktar diffikultà biex nara għaliex tali element anċillari tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, magħmul fil-punt 106 tas-sentenza appellata, għandu jkun ta' importanza kbira fil-kuntest ta' dan l-appell. Fil-fehma tiegħi, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha ssib li l-għarfien ta' lingwa, kif meħtieġ mill-Artikolu 28(f), jista' jiġi kklassifikat bħala "kapaċità" fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, dan xorta waħda ma jwassal bl-ebda mod għall-annullament tas-sentenza appellata [35].

99. Fil-fatt, l-avviżi kkontestati ġew annullati essenzjalment minħabba nuqqas ta' ġustifikazzjoni suffiċjenti tal-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa. Madankollu, il-punt 106 tas-sentenza appellata ma jirrigwardax din il-kwistjoni. Għalhekk, l-ewwel parti tat-tielet aggravju tidher li hija ineffettiva.

*2. It-tieni u t-tielet partijiet tat-tielet aggravju: il-kuntest u l-intensità tal-istħarriġ tal-legalità tal-avviżi ta' kompetizzjoni*

100. Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni tikkontesta l-parametri jew il-kriterji użati mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 107 sa 117 tas-sentenza appellata, biex tistħarreġ il-legalità tal-avviżi ta' kompetizzjoni. Hija ssostni li s-sentenza hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata tas-setgħa diskrezzjonali li l-EPSO jgawdi fid-determinazzjoni tal-kriterji ta' kapaċità li l-kandidati għandhom jissodisfaw. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ħtieġet biss, fil-punt 90 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, li "r-regoli li jillimitaw l-għażla tat-tieni lingwa għandhom jipprevedu kriterji *ċari, oġġettivi u prevedibbli* sabiex il-kandidati jkunu jistgħu jsiru jafu suffiċjentement bil-quddiem liema eżiġenzi lingwistiċi huma meħtieġa, u dan sabiex ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom għall-kompetizzjonijiet fl-aħjar kundizzjonijiet" (enfasi miżjuda). Madankollu dan ma jiġġustifikax il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 152 tas-sentenza appellata, fis-sens li l-EPSO kellu jipproduċi "elementi konkreti u verifikabbli".

101. Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni tikkritika wkoll l-intensità tal-istħarriġ magħmul mill-Qorti Ġenerali fil-punti 120 sa 144 tas-sentenza appellata. Hija tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħha u ssostitwixxiet ruħha għall-amministrazzjoni meta evalwat id-data prodotta mill-Kummissjoni u kkonkludiet li dik id-data ma kinitx kapaċi ssostni l-argumenti li jiġġustifikaw il-limitazzjoni tat-tieni lingwa.

33 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-510/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:1001, punt 102).

34 Madankollu, anki jekk l-għarfien tal-lingwa jista' jitqies bħala kapaċità li tiġi evalwata fiż-żmien tal-ħatra tal-uffiċjal, naturalment ma hijiex kapaċità li għandha tkun eżaminata *esklużivament* f'dak iż-żmien. Dan huwa ppruvat bl-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jgħid li l-uffiċjali huma meħtieġa juru qabel l-ewwel promozzjoni tagħhom il-ħila li jaħdmu fit-tielet lingwa. Għalhekk, l-għarfien tal-lingwi hija kapaċità li tista' tinkiseb. Madankollu, fih u minnu nnifsu, dan ma jeskludix il-possibbiltà li jiġu evalwati l-lingwi fil-qafas ta' kompetizzjoni: fil-fatt, kif innutat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-paragrafu 97 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, huwa "l-obbligu tal-istituzzjonijiet li jibbilanċjaw l-*għan leġittimu li jiġġustifika l-limitazzjoni tan-numru ta' lingwi tal-kompetizzjonijiet* u l-possibbiltajiet ta' tagħlim mill-uffiċjali impjegati, fi ħdan l-istituzzjonijiet, tal-lingwi neċessarji għall-interess tas-servizz" (enfasi miżjuda).

35 Fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni kruċjali marbuta mal-punt 106 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tkun pjuttost x'tip ta' motivi (oġġettivi u raġonevoli) jistgħu jiġu attwalment invokati għall-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet fuq lingwi fil-proċess ta' reklutaġġ, kif ukoll il-konnessjoni sistemika bejn l-Artikolu 27 u l-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal. Imma dawk il-kwistjonijiet ma humiex qed jitqajmu mill-appell preżenti.

102. Il-Kummissjoni, kemm bit-tieni kif ukoll bit-tielet partijiet tat-tielet aggravju, essenzjalment qiegħda tissuġġerixxi li l-Qorti Ġenerali qabżet il-limiti tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju u, bl-istess mod, injorat id-diskrezzjoni wiesgħa li l-EPSO jgawdi meta jiddefinixxi, f'isem l-istituzzjonijiet, il-kriterji ta' kapaċità (lingwistika) li l-kandidati għandhom jissodisfaw.

103. Jiena ma naqbilx.

104. Għandu jitfakkar mill-bidu li l-istħarriġ tal-ewwel istanza quddiem il-qrati tal-Unjoni huwa stħarriġ ġudizzjarju *sħiħ*. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-istħarriġ ta' legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE jinvolvi stħarriġ fir-rigward kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatti, li jfisser li l-qorti kompetenti tal-Unjoni għandha s-setgħa, *inter alia*, sabiex tevalwa l-provi [36]. Għalhekk, il-fatti kollha affermati minn istituzzjoni insostenn tad-deċiżjoni tagħha jistgħu jiġu evalwati mill-Qorti Ġenerali.

105. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-parti l-kbira tar-raġunijiet li jirrigwardaw il-limitazzjoni tat-tieni lingwa li jinsabu fl-avviżi kkontestati u fir-Regoli Ġenerali, jiġifieri dawk l-elementi ta' ġustifikazzjoni magħżula u offruti mill-EPSO insostenn tad-deċiżjoni tiegħu, huma *dikjarazzjonijiet fattwali*.

106. Fost elementi oħra, l-avviżi kkontestati jinvokaw [37] l-eżistenza ta' prassi twila "tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni li ilha titħaddem fir-rigward tal-lingwi użati għall-komunikazzjoni interna u b'kunsiderazzjoni wkoll tal-ħtiġijiet tas-servizzi dwar il-komunikazzjoni esterna u l-ipproċessar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati". Huma jżidu jgħidu "l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma l-lingwi sekondarji l-aktar użati fl-Unjoni Ewropea u dawk l-aktar studjati bħala lingwi sekondarji". Skont l-avviżi, il-limitazzjoni tal-lingwi li għandhom jintużaw fiċ-ċentri ta' evalwazzjoni, fejn jiġu evalwati l-kompetenzi speċifiċi, tippermetti "lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jevalwaw il-kapaċità tal-kandidati li jkunu jistgħu jaħdmu minnufih f'ambjent simili għal dak li jsibu fl-impjieg".

107. Ir-Regoli Ġenerali, kif ukoll il-Linji Gwida Ġenerali annessi magħhom, prinċipalment jagħtu ġustifikazzjonijiet simili ħafna, li huma wkoll ta' natura fattwali. Barra minn hekk, il-Linji Gwida Ġenerali jistabbilixxu iktar elementi, billi jingħad li l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż intużaw tradizzjonalment "fil-laqgħat tal-membri tal-istituzzjonijiet". Huma jsostnu li l-fatt li dawn huma l-"lingwi l-iktar użati ta' sikwit għall-komunikazzjoni kemm interna kif ukoll esterna [...] huwa ppruvat mill-istatistika dwar il-lingwi sors tat-testi tradotti mis-servizzi tat-traduzzjoni tal-istituzzjonijiet." Din l-għażla tal-lingwi hija wkoll "iġġustifikata min-natura tat-testi involuti", li huma "metodi ta' evalwazzjoni bbażati fuq il-kompetenzi". Il-Linji Gwida Ġenerali jgħidu wkoll li dawn it-tliet lingwi, apparti li huma l-iktar lingwi mitgħalma bħala lingwi barranin, huma wkoll "l-lingwi li n-nies jemmnu li huma l-aktar utli biex wieħed jitgħallimhom". Fl-aħħar nett, huma jinvokaw ukoll l-istatistika li jgħidu li dawn il-lingwi kienu l-iktar lingwi magħżula bħala t-tieni lingwi minn kandidati tal-kompetizzjonijiet li saru fl-2005 kif ukoll fl-2010.

108. Min-natura tagħhom, dawn id-dikjarazzjonijiet kollha huma fattwali li naturalment jistgħu, u jekk ikunu invokati bħala r-raġunijiet għal ċerta deċiżjoni amministrattiva, għandhom jiġu mistħarrġa ġudizzjarjament jekk dawn ikunu kkontestati quddiem il-qrati tal-Unjoni. Għaldaqstant jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali ċertament ma wettqitx żball ta' liġi meta hija għamlet evalwazzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet fattwali li jinsabu fl-avviżi kkontestati, fir-Regoli Ġenerali u fil-Linji Gwida Ġenerali.

36 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata); ara wkoll is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 67) u tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 63).

37 Għat-test sħiħ tal-ġustifikazzjoni pprovduta mill-avviż ġenerali tal-kompetizzjoni, ara l-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet. Is-sezzjoni ekwivalenti tal-avviż tal-kompetizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data hija abbozzata f'termini essenzjalment identiċi.

109. Ukoll, il-Qorti Ġenerali lanqas ma wettqet żball ta' liġi meta stħarrġet iktar il-provi prodotti mill-Kummissjoni matul il-proċedura tal-ewwel istanza, għal darba oħra fil-forma ta' dikjarazzjonijiet fattwali. Permezz ta' dawn id-dikjarazzjonijiet addizzjonali, il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma: (i) it-tliet lingwi prinċipali fid-deliberazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; (ii) il-lingwi li fihom kważi d-dokumenti kollha huma tradotti mid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tagħha; (iii) il-lingwi l-iktar mitkellma mill-uffiċjali u mill-aġenti tagħha; u (iv) il-lingwi studjati u mitkellma l-iktar spiss bħala lingwi barranin fl-Istati Membri. L-evalwazzjoni ta' tali dikjarazzjonijiet fattwali fid-dawl tal-provi prodotti mill-partijiet hija għal darba oħra eżattament dak li suppost jagħmlu l-qrati tal-Unjoni fil-proċeduri tal-ewwel istanza [38].

110. Jidhirli li fl-interpretazzjoni tagħha tal-kunċett ta' "marġni ta' diskrezzjoni", il-Kummissjoni qed tħallat ma' xulxin żewġ kwistjonijiet differenti: il-fatt li istituzzjoni hija libera, fi ħdan il-limiti ta' legalità, li tagħżel x'tixtieq tagħmel, il-mod kif hija tixtieq taġixxi, u mbagħad liema raġunijiet hija tixtieq tinvoka pubblikament u tistqarr għal dik id-deċiżjoni, ċertament ma jfissirx li, ladarba dawn l-għażliet ġew eżerċitati, ir-raġunijiet li jingħataw ma jistgħux jiġu mistħarrġa.

111. Marġni (wiesa') ta' diskrezzjoni jimplika, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ċerta libertà fl-evalwazzjoni tal-fatti u x'deduzzjonijiet għandhom jirriżultaw minnhom, b'mod partikolari dawk li huma tekniċi jew politiċi ħafna [39]. Madankollu, kif ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' għadd ta' oqsma sostantivi tad-dritt, bħad-dritt tal-kompetizzjoni [40], l-għajnuna mill-Istat [41], jew il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni [42], il-fatt li l-amministrazzjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni ma jipproteġix id-dikjarazzjonijiet fattwali magħmula fit-teħid ta' deċiżjoni f'dawk l-oqsma mill-istħarriġ ġudizzjarju potenzjali, b'mod partikolari mill-evalwazzjoni ta' jekk il-fatti li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni kkontestata humiex iddikjarati b'mod preċiż u jippermettux li ssir tali konklużjoni. Fl-aħħar nett, hemm oqsma oħra, bħat-trasport [43] jew l-agrikoltura [44], fejn il-marġni ta' diskrezzjoni usa' rikonoxxut jista' tabilħaqq ifisser li jista' jingħad li l-intensità tal-istħarriġ hija iktar baxxa. F'dawn l-oqsma, il-qorti tal-Unjoni tivverifika biss jekk l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni jinvolvix żball manifest jew jikkostitwixxix abbuż ta' poter jew jekk l-istituzzjoni qabżitx b'mod ċar il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha. Madankollu, anki f'dawk il-każijiet, l-istħarriġ bl-ebda mod ma huwa eskluż.

112. Fil-qosor, il-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi l-amministrazzjoni f'dan il-każ ċertament jinkludi l-għażla ta' jekk u kif potenzjalment jiġi llimitat l-użu tat-tieni lingwa fil-kompetizzjonijiet. Din inkludiet ukoll l-għażla tat-tip ta' argumenti li jistgħu jiġu invokati fir-rigward ta' dak it-tip ta' limitazzjonijiet potenzjali [45]. Madankollu, ladarba l-EPSO ddeċieda li jimmotiva ċerta għażla tat-tieni lingwa fuq il-bażi ta' sett ta' dikjarazzjonijiet fattwali dwar kif dawk il-lingwi ntużaw u qed jintużaw fl-Ewropa, kemm fi ħdan l-istituzzjonijiet kif ukoll barra, dawk it-tipi ta' dikjarazzjonijiet invokati

38 Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), "il-Qorti tal-Unjoni għandha twettaq l-istħarriġ tal-legalità abbażi tal-elementi prodotti mir-rikorrent insostenn tal-motivi invokati, u ma tistax tibbaża ruħha fuq il-marġni diskrezzjonali li għandha l-Kummissjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi sabiex tirrinunzja milli teżerċita stħarriġ approfondit kemm ta' dritt kif ukoll ta' fatt".

39 Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Rica Foods vs Il-Kummissjoni (C-40/03 P, EU:C:2005:93, punti 45 sa 49).

40 Ara s-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval (C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 39); ara wkoll is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummisjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 54), u tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 54).

41 Pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, L-Italja u SIM 2 Multimedia vs Il-Kummissjoni (C-328/99 u C-399/00, EU:C:2003:252, punt 39).

42 Pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' April 2015, Anbouba vs Il-Kunsill (C-605/13 P, EU:C:2015:248, punti 41 u 45).

43 Pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' April 1991, Schiocchet vs Il-Kummissjoni (C-354/89, EU:C:1991:149, punt 14).

44 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2001, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill (C-301/97, EU:C:2001:621, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Jista' jerġa' jiġi mfakkar li r-rekwiżit stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża L-Italja vs Il-Kummissjoni I (iktar 'il fuq, punt 85) kien li għandu jkun hemm kriterji ċari, oġġettivi u prevedibbli li l-kandidati jistgħu jkunu jafu minn qabel. Xejn ma ntqal fir-rigward ta' liema tipi ta' argumenti jistgħu jiġu invokati biex jiġu stabbiliti dawk il-kriterji.

fl-avviżi, ir-Regoli Ġenerali u l-Linji Gwida Ġenerali jistgħu jiġu mistħarrġa kompletament mill-qrati tal-Unjoni. Fit-twettiq ta' dan l-istħarriġ, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-amministrazzjoni: hija sempliċement stħarrġet l-argumenti ppreżentati għal dik l-evalwazzjoni mill-amministrazzjoni.

113. Nixtieq nenfasizza li dan ma jfissirx neċessarjament li naqbel mal-osservazzjonijiet kollha li l-Qorti Ġenerali għamlet matul l-evalwazzjoni robusta u bir-reqqa tagħha tal-argumenti mressqa mill-Kummissjoni. Dan ukoll ma huwiex, wara kollox, meħtieġ, peress li l-evalwazzjoni tal-fatti hija tabilħaqq il-kompitu tal-qorti tal-ewwel istanza [46]. Madankollu ċertament naqbel mal-eżitu globali tal-kawża fis-sens tal-annullament tal-avviżi kkontestati.

114. Jista' jingħad ukoll, b'mod sussidjarju, li l-istess riżultat jista' fil-fatt ukoll jintlaħaq kieku kellu jsir stħarriġ ta' inqas intensità, kif issuġġeriet il-Kummissjoni (*quod non*). Il-verità sempliċi tibqa' li meta kkunsidrati flimkien, id-dikjarazzjonijiet individwali tal-EPSO sempliċiment jiġbdu f'direzzjonijiet differenti. Għalhekk, huma inkonsistenti f'dak li jirrigwarda l-limitazzjoni eżatta tat-tieni lingwa għal kompetizzjoni għall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż, għal darba oħra fuq il-livell ta' dikjarazzjonijiet fattwali li jindikaw eżattament u dejjem dawk it-tliet lingwi. Xi wħud minn dawn l-argumenti jiġġustifikaw l-għażla ta' waħda minn dawn il-lingwi (l-Ingliż), filwaqt li oħrajn jiġġustifikaw l-għażla ta' iktar minn waħda, imma mhux dejjem l-istess lingwi.

115. Għalhekk, inqis li l-Qorti Ġenerali ma qabżitx il-limiti tas-setgħat ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħha meta evalwat id-dikjarazzjonijiet fattwali kontra l-provi prodotti insostenn tagħhom. Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet partijiet tat-tielet aggravju huma infondati.

### *D. Ir-raba' aggravju: il-limitazzjoni tal-lingwi ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO - ir-relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 1 u r-Regolamenti tal-Persunal*

116. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1, fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-limitazzjoni tal-lingwi ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO kinitx diskriminatorja. Il-Kummissjoni tikkritika l-interpretazzjoni, fil-punti 183 sa 185 tas-sentenza appellata, tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I. B'mod iktar speċifiku, il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tiddeduċi mill-punti 68 u 69 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I li r-Regolament Nru 1 huwa applikabbli għal kandidati. Skont il-Kummissjoni, dawn il-punti jirrigwardaw l-obbligu li jiġu ppubblikati l-avviżi ta' kompetizzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali bil-lingwi uffiċjali kollha. F'din il-kawża, l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal huwa applikabbli u għalhekk iservi bħala bażi legali tal-limitazzjoni tal-lingwi ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO.

117. Għalhekk, dan l-aggravju essenzjalment iqajjem il-kwistjoni dwar jekk ir-Regolamenti tal-Persunal japplikawx għall-kandidati għal kompetizzjoni u, jekk dan ikun il-każ, minn liema mument. Sabiex tingħata risposta għal din il-kwistjoni, madankollu, għandha l-ewwel tiġi indirizzata kwistjoni iktar ġenerali: x'inhi r-relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 1 u r-Regolamenti tal-Persunal?

118. F'din it-taqsima, l-ewwel ser neżamina l-argumenti tal-partijiet dwar l-applikabbiltà ta' kull wieħed minn dawn ir-regolamenti għall-kandidati f'kompetizzjoni (1), qabel ma niċċara kif naħseb li l-punti 68 u 69 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I għandhom jiġu interpretati (2). Imbagħad ser nindirizza l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal (3) u nissuġġerixxi li dawn japplikaw għal

46 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet konsistentement li ladarba l-appell huwa limitat għal punti ta' liġi, il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti u biex tevalwa l-evidenza. L-evalwazzjoni ta' dawk il-fatti u l-evalwazzjoni ta' dik l-evidenza b'hekk ma jikkostitwixxux, ħlief fejn il-fatti u l-evidenza huma distorti, punt ta' liġi li huwa suġġett, bħala tali, għal stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell: ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 177) u tat-28 ta' Frar 2018, mobile.de vs EUIPO (C-418/16 P, EU:C:2018:128, punt 65).

kandidati meta dawn jissottomettu applikazzjoni għal kompetizzjoni speċifika (4). Madankollu, ir-Regolament Nru 1, bħala l-qafas leġiżlattiv ġenerali dwar il-lingwi, għandu ċertu rwol fil-qafas tal-kompetizzjonijiet u anki iktar tard (5). Dawk il-kunsiderazzjonijiet iwasslu għall-konklużjoni li r-raba' aggravju tal-Kummissjoni huwa fondat sew. Madankollu, peress li dan il-fatt ma jbiddilx l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-raba' aggravju, għal sostituzzjoni tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali (6).

*1. L-argumenti tal-partijiet dwar ir-regoli applikabbli għall-kandidati*

119. Il-Kummissjoni sostniet waqt is-seduta li, fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' kompetizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali, ir-Regolament Nru 1 u r-Regolamenti tal-Persunal japplikaw *flimkien*. Dan jista' jiġi ġġustifikat mill-fatt li, minn naħa, ir-Regolamenti tal-Persunal jiddikjaraw li l-avviżi ta' kompetizzjoni ġenerali għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 1 jipprovdi li Il-Ġurnal Uffiċjali għandu jiġi ppubblikat fil-lingwi uffiċjali (kollha). Madankollu, il-Kummissjoni ssuġġeriet ukoll li ladarba kandidat jissottometti applikazzjoni, ir-Regolament Nru 1 ma jibqax japplika għall-kandidat, li jsir suġġett biss għar-Regolamenti tal-Persunal.

120. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' Spanja sostnew li l-kompetizzjonijiet huma rregolati bir-Regolament Nru 1 biss. Ir-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jsiru applikabbli f'data iktar tard li ma tkunx ġiet identifikata minn dawn iż-żewġ partijiet, iżda fi kwalunkwe każ ma jkunux japplikaw għal kandidati, li jkunu b'hekk suġġetti biss għar-Regolament Nru 1. B'implikazzjoni, nassumi loġikament li skont din il-pożizzjoni, il-proċedura tal-għażla kollha għandha tkun irregolata mir-Regolament Nru 1 u r-Regolamenti tal-Persunal isiru applikabbli biss ladarba uffiċjal jidħol fil-kariga.

*2. Is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I*

121. L-ewwel nett, fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-Kummissjoni insostenn ta' dan l-aggravju, huwa importanti li tiġi ċċarata t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 68 u 69 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I. Fil-punt 68, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' regoli speċifiċi adottati, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1, ma kien hemm ebda dokument li "jwassal għall-konklużjoni li r-relazzjonijiet bejn [l]-istituzzjonijiet u l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tagħhom huma totalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1". Fil-punt 69, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid: "dan huwa l-istess għal dak li jikkonċerna r-relazzjonijiet bejn istituzzjonijiet u kandidati għall-kompetizzjoni esterna li, fil-prinċipju, la huma uffiċjali u lanqas membri tal-persunal".

122. Sabiex jiġu evalwati t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, u speċjalment tal-punt 69, huwa importanti li jitqiegħdu fil-kuntest tas-sezzjoni xierqa tal-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li fihom saru. Fis-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-obbligu dwar il-*pubblikazzjoni* tal-avviżi ta' kompetizzjoni, fil-kuntest ta' każ fejn l-avviżi ta' kompetizzjoni kkontestati ġew ippubblikati b'mod sħiħ biss fil-verżjoni Ingliża, f'dik Franċiża u f'dik Ġermaniża ta' Il-Ġurnal Uffiċjali. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1 għall-kandidati għal kompetizzjoni esterna għalhekk saret fir-rigward tal-obbligu għall-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' kompetizzjoni, u mhux dwar l-għażla tat-tieni lingwa, li ġiet indirizzata f'taqsima differenti tas-sentenza (punti 79 *et seq*).

123. Barra minn hekk, l-argument prinċipali fir-rigward ta’ dik il-kwistjoni legali lanqas biss kien, fil-fehma tiegħi, imressaq fil-punt 69 tas-sentenza, dwar l-inklużjoni ta’ kandidati għal kompetizzjonijiet esterni fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Nru 1. Minflok, l-argument konklużiv għall-konstazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-obbligu li jkunu ppubblikati l-avviżi ta’ kompetizzjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali (skont l-Artikolu 1(2) tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal) fil-lingwi uffiċjali kollha (kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1) kien jinsab fil-punti 70 u 71 tas-sentenza.

124. B’konsegwenza ta’ dan, dak li jsegwi mis-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I huwa li avviżi ta’ kompetizzjoni għandhom jiġu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha. Huwa wkoll pjuttost ċar li f’dak il-mument preċiż u f’dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali, japplika r-Regolament Nru 1. Madankollu, din is-sentenza, fil-fehma tiegħi, ma tatx tweġiba għall-mistoqsija dwar jekk il-kandidati għal kompetizzjoni humiex suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal.

*3. Ir-Regolamenti tal-Persunal japplikaw għall-kandidati?*

125. Sabiex wieħed jifhem ir-relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 1 u r-Regolamenti tal-Persunal, għandu jiġi analizzat l-ewwel il-kamp ta’ applikazzjoni taż-żewġ miżuri.

126. Huwa pjuttost ċar li r-Regolament Nru 1 huwa s-sistema ġenerali, li fih regoli predefiniti li jirregolaw il-lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Jekk u sakemm ma jkunx hemm espressament deroga minnha, din is-sistema tibqa’ applikabbli.

127. Madankollu, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal huwa kemxejn inqas ċar.

128. Minn naħa, hemm l-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-Persunal, li, jekk jinqara waħdu, jista’ jipprovdi risposta pjuttost ċara u sempliċi. Dan jgħid li r-Regolamenti tal-Persunal “japplikaw għall-uffiċjali tal-Unjoni”. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 1a(1) jiddefinixxi l-kunċett ta’ “uffiċjali tal-Unjoni” bħala “kull persuna li kien maħtur […] għal posizzjoni stabbilita fil-persunal ta’ waħda mill-istituzzjonijiet”.

129. Min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet oħra tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll għadd ta’ kunsiderazzjonijiet sistemiċi oħra jidher li jwasslu għal konklużjoni differenti, tista’ tgħid iktar sfumata.

130. L-ewwel nett, hemm ħafna appoġġ testwali u sistemiku għall-argument li *ratione materiae*, ir-Regolamenti tal-Persunal huma applikabbli għall-proċess ta’ reklutaġġ. Ir-Regolamenti tal-Persunal fihom kapitolu (sħiħ) intitolat “Reklutaġġ”, jiġifieri l-Kapitolu 1 tat-Titolu III, li jinkludi l-Artikoli 27 sa 34. Dan il-kapitolu mhux biss jittratta l-aħħar stadju tal-proċess ta’ reklutaġġ, jiġifieri l-proċedura amministrattiva ta’ *ħatra* ta’ uffiċjal għal pożizzjoni partikolari fi ħdan istituzzjoni, iżda jipprovdi wkoll, fl-Artikolu 30, li l-awtorità tal-ħatra għandha taħtar kumitat ta’ selezzjoni għal kull kompetizzjoni. Barra minn hekk, l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal għandu t-titolu “Kompetizzjonijiet” u fih sett komprensiv ta’ regoli f’dan il-qasam. Dawn jinkludu l-għażla tal-awtorità inkarigata mit-tfassil tal-avviż tal-kompetizzjoni, il-kontenut tal-avviż ta’ kompetizzjoni jew l-obbligu li l-avviżi ta’ kompetizzjoni jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali (l-Artikolu 1); l-obbligi tal-kandidati sabiex jissottomettu applikazzjoni (l-Artikolu 2); il-kompożizzjoni tal-Bordijiet tal-Għażla (l-Artikolu 3); il-proċedura li għandha tiġi segwita minn Bordijiet tal-Għażla sabiex titħejja lista ta’ kandidati xierqa (l-Artikolu 5); u l-bqija.

131. It-tieni nett, anki fil-kuntest ta' rimedji, ir-Regolamenti tal-Persunal jidhru li huma applikabbli għall-kandidati. Hi x'inhi l-utilità ta' tali (awto)perċezzjoni, il-kandidati għandhom id-dritt li jindirizzaw lid-Direttur tal-EPSO, bħala l-awtorità tal-ħatra, ilment amministrattiv skont ir-Regolamenti tal-Persunal[47]. Barra minn hekk, il-kandidati għandhom ukoll id-dritt li jippreżentaw rikors quddiem il-qrati tal-Unjoni skont l-Artikolu 270 TFUE (li jagħti ġurisdizzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal "kull tilwima bejn l-Unjoni u l-aġentit agħha, fil-limiti u taħt il-kondizzjonjijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra ta' l-Unjoni") u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal[48]. Sa fejn ir-Regolamenti tal-Persunal jippermettu li dawn l-ilmenti u l-appelli jitressqu minn "kull persuna li għaliha japplikaw ir-Regolamenti [tal-Persunal]", jidher li huwa raġonevoli li wieħed jiddeduċi li l-kandidati jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal.

132. It-tielet nett, u forsi iktar importanti minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li r-Regolamenti tal-Persunal ma japplikawx esklużivament għal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u lanqas esklużivament għall-persunal ta' istituzzjonijiet u korpi oħra. Pereżempju, fir-rigward tal-kunċett ta' "[k]ull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal" fis-sens tal-Artikoli 90 u 91 tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet "ma jippermettux, fihom infushom, li ssir distinzjoni skont jekk ir-rikors tressaqx minn uffiċjal jew minn kwalunkwe persuna oħra li għalihom japplikaw dan ir-regolamenti" u kkonkludiet li t-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa kompetenti *ratione personae* sabiex jieħu konjizzjoni mhux biss ta' rikorsi ppreżentati mill-uffiċjali iżda wkoll ta' rikorsi ppreżentati minn kwalunkwe persuna oħra li għaliha japplikaw l-imsemmija regolamenti"[49].

133. B'mod simili, għalkemm issa istituzzjonalment obsoleta[50], il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni *ratione personae* tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għadha rilevanti sa fejn hija tikkonferma li kandidati għal kompetizzjoni jistgħu jippreżentaw appell quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 270 TFUE u tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal[51], pjuttost milli permezz ta' dispożizzjonijiet oħra, iktar ġenerali, bħalma huma l-Artikolu 263 jew l-Artikolu 268 TFUE.

134. Kollox ma' kollox, hemm, minn naħa, id-dikjarazzjoni pjuttost iżolata fl-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-Persunal, u, min-naħa l-oħra, l-argumenti sodi ħafna intrasistemiċi li jirreferu għad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolamenti tal-Persunal li jgħidu xi ħaġa kemxejn differenti, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet sistemiċi usa'.

135. F'dan il-kuntest, nista' biss nikkonkludi li r-Regolamenti tal-Persunal japplikaw għal kandidati għal kompetizzjoni, naturalment sa fejn dawn fihom dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu applikati b'mod sostantiv għas-sitwazzjoni ta' dawk il-kandidati.

47 Ara l-punt 3.4.4.1 tar-Regoli Ġenerali, li jirreferi għall-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, għalkemm jidher li għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 90c, sa fejn l-EPSO huwa korp interistituzzjonali li lilu diversi istituzzjonijiet fdaw l-eżerċizzju ta' wħud mis-setgħat mogħtija lill-Awtorità tal-Ħatra, fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Ara wkoll l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2002/620, li jipprovdi li t-talbiet u l-ilmenti relatati mal-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-EPSO għandhom jitressqu lill-EPSO skont l-Artikolu 91a tar-Regolamenti tal-Persunal. Nemmen li r-riperiment preċiż għandu jkun għall-Artikolu 90ċ pjuttost milli għall-Artikolu 91a, sa fejn dan tal-ewwel jirreferi għal "talbiet u l-ilmenti" u tal-aħħar għal "appell" (lil qrati tal-Unjoni).

48 Ara l-punt 3.4.4.2 tar-Regoli Ġenerali. Għal kompetizzjoni iktar reċenti, ara l-punt 4.3.2 tal-Anness II tal-avviż tal-kompetizzjoni ġenerali tal-2018.

49 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Review Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni (C-417/14 RX-II, EU:C:2015:588, punt 33). F'dak il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-Artikolu 73(2)(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, li b'mod espliċitu jidentifika d-"dixxe[n]denti" u l-"qraba ta' warajh [axxendenti]" tal-uffiċjal, sabiex tiġġustifika l-ġurisdizzjoni *ratione personae* tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku f'azzjoni li tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk il-missier u t-tfal ta' uffiċjal deċedut kellhomx id-dritt għall-ħlasijiet iggarantiti mill-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, de Pretis Cagnodo u Trampuz de Pretis Cagnodo vs Il-Kummissjoni (F-104/10, EU:F:2013:64, punt 51).

50 Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016 L 200, p. 137).

51 Fis-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Review Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni (C-417/14 RX-II, EU:C:2015:588, punt 30), il-Qorti tal-Ġustizzja nnutat li l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal jimplimentaw l-Artikolu 270 TFUE.

*4. Minn liema mument?*

136. Dan, naturalment, iqajjem il-kwistjoni dwar meta eżattament jibdew japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal għall-kandidati għal kompetizzjoni. Hemm żewġ punti fiż-żmien li jiffurmaw il-"punti ta' barra" loġiċi: minn naħa, dan ma tantx jista' jkun qabel ma jiġi ppubblikat l-avviż għal din il-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, għandu jkun mhux aktar tard minn meta jinħatar l-uffiċjal kif previst fir-Regolamenti tal-Persunal.

137. Fil-fehma tiegħi, għall-finijiet tal-applikabbiltà potenzjali tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal, il-mument ewlieni huwa meta l-applikant individwali, permezz tal-azzjonijiet tiegħu stess, jiddistingwi lilu nnifsu mill-pubbliku inġenerali u jidħol fil-proċess ta' applikazzjoni. B'hekk, huwa jidħol ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal. Metaforikament, persuna ssir kandidat għaliex toħroġ minn fost il-pubbliku ġenerali u tidħol fil-"mina" tal-kompetizzjoni f'tarf wieħed, bit-tama li toħroġ fuq in-naħa l-oħra bħala l-uffiċjal maħtur. Kif spjegat fit-taqsima preċedenti, ir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni b'mod ċar jiddikjaraw li huma applikabbli wkoll għal, u ġewwa, dik il-"mina" msejħa "il-proċess ta' reklutaġġ".

138. Membru tal-pubbliku ġenerali jsir kandidat mill-mument meta jissottometti applikazzjoni għal kompetizzjoni speċifika, u b'hekk, b'mod ċar u inekwivoku, jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jipparteċipa f'din il-kompetizzjoni u jiġi ttrattat bħala kandidat. Bħala prinċipju, applikazzjoni titqies li ġiet ssottomessa ladarba l-kandidat ikun ivvalidaha, għaliex minn dak il-mument 'il quddiem ma jkun jista' jagħmel ebda tibdil fiha [52].

139. Apparti li huwa l-iktar mument raġonevoli, l-istess fehma hija appoġġjata ulterjorment b'żewġ dispożizzjonijiet tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal. L-ewwel nett, l-Artikolu 2 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal jiddikjara li l-"kandidati għandhom jimlew formola preskritta mill-awtorità tal-ħatra. Jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali". Din id-dispożizzjoni għalhekk tirreferi għal formola li l-kandidati potenzjali għandhom jimlew sabiex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom. It-tieni nett, l-Artikolu 4 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li l-"awtorità tal-ħatra għandha tħejji lista tal-kanndidati li jaqgħu taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 28(a), (b) u (ċ) tar-Regolamenti tal-Persunal u għandha tibgħatha, flimkien mal-fajls tal-kandidati, lill-president tal-Bord ta' l-Għażla". Għalhekk, kandidat għal kompetizzjoni li diġà ssottometta u vvalida applikazzjoni (iżda li għadu ma ġiex evalwat minn bord tal-għażla) jista' tassew jitqies bħala "persuna oħra li għalihom japplikaw dan ir-regolamenti [tal-Persunal]" fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, bħala konsegwenza, bħala persuna li għaliha japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal.

140. Il-konklużjoni li kandidat jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal ladarba huwa jissottometti u jivvalida l-applikazzjoni tiegħu għal kompetizzjoni speċifika tidher raġonevoli wkoll meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fażijiet sussegwenti tal-proċedura ta' għażla u, aktar minn hekk, il-lingwi li ser jintużaw ladarba l-kandidat jinħatar. Ma naħsibx li jagħmel iktar sens li l-lingwi li jistgħu jintużaw matul il-proċedura tal-għażla kollha jinżammu separati mil-lingwi li ser jintużaw iktar tard, wara li l-kandidat ikun għadda b'suċċess mill-kompetizzjoni [53]. Naturalment, dan ikun il-każ biss sakemm ikun possibbli, skont l-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal (jew, jekk kellu jintuża,

52 Ara l-punt 2.1.6 tar-Regoli Ġenerali. Għal kompetizzjoni iktar reċenti, ara t-taqsima intitolata "Kif nintgħażel?" tal-avviż tal-kompetizzjoni ġenerali tal-2018.

53 Ċertament jista' jiġi ssuġġerit, fuq livell pjuttost astratt u normattiv, li r-regoli tal-lingwa għal proċedura ta' għażla huma u għandhom ikunu separati mir-rekwiżiti lingwistiċi għall-eżerċizzju sussegwenti tal-impjieg. F'dak il-każ, l-għażla u l-ġustifikazzjoni potenzjali għal dik l-għażla tal-lingwi fil-proċess tal-għażla jkunu mbagħad ukoll separati mill-kundizzjonijiet applikabbli iktar tard fl-eżerċizzju tal-impjieg inkwistjoni.

permezz tal-implimentazzjoni ta' derogi fuq il-bażi tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1), li jiġi limitat l-użu tal-lingwi. Jekk wieħed jassumi (imma bl-ebda mod ma wieħed jiġġudika minn qabel) li dan huwa possibbli, imbagħad kif jew meta għandu, jew anki jista', jiġi eżaminat l-għarfien lingwistiku tal-kandidati?

*5. L-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1 għall-kandidati (u l-uffiċjali)*

141. Ġie ssuġġerit li r-Regolamenti tal-Persunal jibdew japplikaw fil-konfront ta' kandidati għal kompetizzjoni mill-mument meta huma jidħlu f'kompetizzjoni speċifika. Madankollu, ir-Regolament Nru 1, bħala s-sistema ġenerali u awtomatiku, huwa applikabbli wkoll għal dawn il-kandidati[54].

142. Minn naħa, jista' jitfakkar li r-Regolament Nru 1 jistabbilixxi l-qafas lingwistiku ġenerali[55] applikabbli għall-istituzzjonijiet u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Istati Membri kif ukoll il-persuni suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. L-Artikolu 2 tiegħu jipprovdi li d-dokumenti mibgħuta lil istituzzjoni jistgħu jiġu fformulati fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali magħżula minn min jibgħat u li r-risposta għandha tiġi fformulata fl-istess lingwa. L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1 jippermetti possibbiltà limitata għal deroga minn dan il-prinċipju, fejn jingħad li l-istituzzjonijiet jistgħu jistipulaw fir-regoli ta' proċedura tagħhom liema minn dawn il-lingwi għandhom jintużaw f'każijiet speċifiċi[56].

143. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal jipprojbixxi, fil-paragrafu 1, kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata, *inter alia*, fuq il-lingwa. Madankollu, il-paragrafu 6 ta' din id-dispożizzjoni jippermetti limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità sa fejn din tkun "iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli" u "immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal".

144. Skont il-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*, dispożizzjonijiet speċjali jipprevalu fuq regoli ġenerali f'sitwazzjonijiet li huma jridu li jirregolaw speċifikament[57]. Meta żewġ regoli konfliġġenti jkunu intiżi biex jirregolaw l-istess sitwazzjoni, dak il-prinċipju jippermetti li wieħed jagħżel ir-regola li għandha tintuża abbażi tal-kamp ta' applikazzjoni ta' kull regola. Għalhekk, id-dispożizzjoni speċjali tipprevali fuq dik ġenerali.

145. F'dak li jirrigwarda s-sistema lingwistika, ir-Regolament Nru 1 huwa, bla dubju, id-dispożizzjoni ġenerali, filwaqt li r-Regolamenti tal-Persunal għandhom kamp ta' applikazzjoni iktar speċifiku. Ir-Regolamenti tal-Persunal b'hekk jiffunzjonaw b'mod effettiv, mill-mument li dawn isiru applikabbli għal kandidati, bħala *lex specialis* li tipprevali fuq ir-Regolament Nru 1.

146. Billi r-Regolamenti tal-Persunal jiddikjaraw b'mod ċar li dawn huma r-regoli li japplikaw fil-proċess ta' reklutaġġ, ladarba persuna tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom billi tagħżel li ssir kandidat, tkun dik is-sistema lingwistika speċifika li ssir applikabbli għaliha għall-finijiet ta' u fi ħdan il-kuntest ta' dan il-proċess ta' reklutaġġ.

54 Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 68 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, ir-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-kandidati għal kompetizzjoni esterna ma hijiex "totalment eskluż[a] mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1".

55 Iktar 'il fuq, il-punt 126.

56 Il-Qorti tal-Ġustizzja nnutat fil-punt 67 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I li l-istituzzjonijiet ma kinux użaw dan l-artikolu. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Kummissjoni waqt is-smigħ tal-kawża preżenti. Bħala regola ġenerali dan jidher li huwa preċiż, forsi bl-eċċezzjoni parzjali tal-Artikolu 14 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, p. 36), li jidher li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1, kif innutat fil-*Kummenti dwar ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill* ippubblikati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, p. 48 (disponibbli fuq http://www.consilium.europa.eu/media/29824/qc0415692enn.pdf). Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat din id-dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punti 200 sa 204), iżda ma indirizzatx il-kwistjoni dwar jekk din ġietx adottata bis-saħħa tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1.

57 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2003, Mayer Parry Recycling (C-444/00, EU:C:2003:356, punt 57); tat-30 ta' April 2014, Barclays Bank (C-280/13, EU:C:2014:279, punt 44); u tat-12 ta' Frar 2015, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-48/14, EU:C:2015:91, punt 49).

147. Dan premess, nixtieq inżid żewġ kjarifiki inkonklużjoni dwar ir-rilevanza kontinwa tar-Regolament Nru 1 għal kandidati għal kompetizzjoni, minkejja l-applikabbiltà tar-Regolamenti tal-Persunal bħala *lex specialis*.

148. L-ewwel nett, il-fatt li minn mument partikolari fiż-żmien, ir-Regolamenti tal-Persunal isiru *lex specialis* f'termini ta' lingwa ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-kandidati jista' japplika b'żewġ modi: minn naħa, ifisser li dawn isiru tbegħid awtorizzat. Min-naħa l-oħra, bħal kull eċċezzjoni, tbegħid, jew deroga, ir-Regolament Nru 1 xorta jibqa' rilevanti bħala l-qafas globali jew predefinit li minnu kien hemm tbegħid. Għalhekk iservi bħala kejl f'termini ta' jekk it-tbegħid u d-deroga kinux limitati għal dak li kien tabilħaqq meħtieġ, proporzjonat u raġonevoli.

149. Fi kliem ieħor, il-fatt li r-Regolamenti tal-Persunal bħala *lex specialis* jippermettu tbegħid mir-Regolament Nru 1 ma għandux jinftiehem bħala li jimplika għażla binarja, fejn l-applikazzjoni tar-regola speċjali kompletament teskludi l-applikabbiltà tar-regola ġenerali. Għandu jkun tbegħid raġonevoli u proporzjonat. Jekk immorru lura għall-metafora msemmija iktar 'il fuq ta' "mina tar-reklutaġġ", meta tidħol f'mina (ċertament miftuħa) il-livell tad-dawl ukoll ma huwiex binarju, fejn jinbidel f'daqqa minn kompletament dawl għal dlam ċappa. Hemm, pjuttost, skurar gradwali, li jiżdied ma' kull pass li jittieħed iktar 'il ġewwa fil-mina. B'mod simili, kwalunkwe deroga potenzjali mir-Regolament Nru 1 għandha tiġi implimentata wkoll b'mod raġonevoli u proporzjonat. Jekk ikun meħtieġ, wieħed jista' jimmira għal tnaqqis li jagħmel sens u gradwali fin-numru ta' lingwi disponibbli, pjuttost milli qabża bipolari minn 24 lingwa uffiċjali għal, pereżempju, waħda biss.

150. It-tieni nett, huwa wkoll pjuttost ċar li l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1 għandu jkompli japplika għal kwalunkwe komunikazzjoni tal-kandidat li ma tkunx relatata ma' din il-kompetizzjoni, u f'dan is-sens, għal kwalunkwe komunikazzjoni magħmula minn uffiċjal jew membru tal-persunal ieħor ta' istituzzjoni barra mill-kuntest tar-relazzjoni tiegħu ta' subordinazzjoni. L-eżistenza ta' tali relazzjoni u r-regoli dwar il-komunikazzjoni fi ħdan dak il-qafas, jew b'estensjoni dawk li jiżvolġu fil-"mina" li wasslu għal dak l-istatus, huma wara kollox l-elementi li jiddefinixxu t-tip ta' komunikazzjoni li tippermetti li tiġi attivata r-regola *lex specialis* (u b'hekk jiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha).

151. Għalhekk, kwalunkwe komunikazzjoni li ssir qabel dak il-mument (bħal persuna li beħsiebha tapplika wara li jkun ippubblikat avviż ta' kompetizzjoni iżda qabel ma tippreżenta applikazzjoni u/jew talba għal aktar informazzjoni) jew tabilħaqq kwalunkwe sitwazzjoni li sseħħ wara imma mhux relatata ma' dik ir-relazzjoni ta' subordinazzjoni (bħal, pereżempju, uffiċjal li jaħdem mal-Parlament Ewropew li jikteb ittra fil-kapaċità personali tiegħu bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni) xorta tkun koperta bi sħiħ mir-regoli tar-Regolament Nru 1.

*6. Konklużjoni provviżorji dwar ir-raba' aggravju*

152. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ffokat esklużivament fuq l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1, filwaqt li injorat ir-relazzjoni sistemika eżistenti bejn ir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolament Nru 1. Madankollu nikkunsidra li l-avviżi kkontestati ġew annullati ġustament għar-raġuni li l-EPSO ma ġġustifikax korrettament il-limitazzjoni tat-tieni lingwa. Għalhekk, peress li dan l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma jaffettwa d-dispożittiv tas-sentenza appellata, nissuġġerixxi li fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi għas-sostituzzjoni parzjali tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali.

## *E. Nota addizzjonali*

153. Din il-kawża hija waħda minn, bħalissa, lista twila ta' kawżi pendenti jew magħluqa li qajmu (għall-inqas parzjalment) l-istess kwistjonijiet. Il-Qorti Ġenerali riċentement tat diversi sentenzi li annullaw numru ta' avviżi ta' kompetizzjoni għal raġunijiet lingwistiċi[58]. Barra minn hekk, bħalissa hemm pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali każijiet oħra simili[59]. Fir-rigward ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja, din hija t-tieni darba wara li ngħatat is-sentenza kważi omonima L-Italja vs Il-Kummissjoni I[60] li l-Awla Manja hija msejħa tindirizza essenzjalment l-istess kwistjonijiet[61].

154. Sfortunatament, minkejja dawn il-każijiet kollha, u anki wara li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma minn dan l-appell, il-qofol ta' din il-kwistjoni jidher li għadu 'l bogħod milli jissolva. Fil-kawża L-Italja vs Il-Kummissjoni I, il-problema (fil-qosor) kienet li ma ngħatat ebda raġuni biex jiġu limitati l-lingwi f'kompetizzjoni. Il-problema ta' din il-kawża hija, għal darba oħra fi kliem sempliċi, li ngħataw wisq raġunijiet internament kontradittorji.

155. Ottimista li jara l-proċess ġudizzjarju bħala proċess dijalettiku progressiv ta' sperimentazzjoni jista' jsib konsolazzjoni fil-fatt li, f'termini ta' ammont ta' raġunijiet mogħtija, il-kawża li jmiss x'aktarx li ssib ruħha preżumibbilment x'imkien fin-nofs. Ir-realista ftit inqas ottimista jista' jkun kemxejn imħasseb dwar il-fatt li kwistjonijiet ewlenin ġenwini, bħal x'tip ta' raġunijiet għandhom jingħataw u, jekk tali limitazzjoni hijiex attwalment permissibbli, ma ġew indirizzati fl-ebda kawża minn dawn, inklużi f'dan l-appell. Ċiniku estrem jista' jipprova jissuġġerixxi li l-fatt li l-ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet ma ġiet attwalment ikkontestata f'xi waħda minn dawn il-kawżi ma kienx b'kumbinazzjoni.

156. Fil-fehma tiegħi, huma kemm huma kurjużi l-istudju tal-proċess ġudizzjarju, il-psikoloġija, u l-politika interistituzzjonali, il-problema ġenwina li dawn il-kawżi jqajmu hija l-ispiża (l-ispejjeż) umani involuti: l-aspettattivi, il-ħolm, u l-karrieri tal-individwi involuti f'dawk il-każijiet kollha matul is-snin. Fin-nuqqas ta' risposta ċara għad-domanda tal-limiti tal-lingwa fix-xogħol tal-istituzzjonijiet, bil-mod kif jiġu organizzati kompetizzjonijiet li jinbidel b'mod ripetittiv, jista' jkun pjuttost diffiċli li wieħed jippjana u jħejji, jekk wieħed jixtieq, għal karriera f'istituzzjoni Ewropea.

157. Il-problema umana tista' tiggrava iktar pjuttost malajr jekk, f'termini ta' rimedji pprovduti, kellha tinbidel il-politika ġudizzjarja minn, fi kliem skjett, "dan kien żbaljat, iżda minħabba l-aspettattivi leġittimi r-riżultati ma humiex se jiġu annullati" għal "dan kien żbaljat, u kollha ser jiġu annullati, inklużi l-listi individwali, il-ħatriet, jew kuntratti ta' xogħol". F'dan ir-rigward, nikkondividi għal kollox it-tħassib tal-abbli kollega tiegħi l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża (parallela) Spanja vs Il-Parlament, fejn hija tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla mhux biss is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ikkontestata, imma wkoll id-database ta' kandidati potenzjali stabbilita abbażi ta' dik is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess[62]. Fil-fatt ta' min jinnota dan il-punt: jekk istituzzjoni tibqa' tinjora d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikunu jenħtieġu miżuri aktar stretti. Wieħed jista' jżid jgħid li jkun hemm ħtieġa ikbar għal dik l-azzjoni jekk, b'mod purament ipotetiku, istituzzjoni tkun qed tipprova ġġib bidla fis-sistema attwali billi deliberatament tinjora d-dritt attwali sabiex iġġib bidla fattwali għall-futur, li mbagħad dan ikollu jiġi aċċettat bħala r-regola l-ġdida. *Ex injuria non oritur ius.*

58 Sentenzi tal-24 ta' Settembru 2015, L-Italja u Spanja vs Il-Kummissjoni (T-124/13 u T-191/13, EU:T:2015:690); tas-17 ta' Diċembru 2015, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-275/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:1000); tas-17 ta' Diċembru 2015, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-295/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:997); u tas-17 ta' Diċembru 2015, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-510/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:1001).

59 Dawn huma l-kawżi L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-313/15), L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-317/15), Spanja vs Il-Kummissjoni (T-401/16), L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-437/16), L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-443/16), Calhau Correia de Paiva vs Il-Kummissjoni (T-202/17) u Spanja vs Il-Kummissjoni (T-704/17).

60 Fil-fatt għalkemm l-isem ta' din il-kawża huwa L-Italja vs Il-Kummissjoni, il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali li wasslet għas-sentenza appellata kienet L-Italja vs Il-Kummissjoni. Għalhekk, fid-dawl ta' dan din il-kawża tista' tassew tissejjaħ "L-Italja vs Il-Kummissjoni II".

61 Flimkien mal-kawża parallela Spanja vs Il-Parlament (C-377/16), imsemmija iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

62 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-Kawża C-377/16, Spanja vs Il-Parlament, punti 156 sa 161, 163 u 164.

158. Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jwassluni sabiex nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi tal-inqas ċerti linji gwida fuq il-kwistjoni ġenwina sottostanti għal dan l-appell: huwa possibbli u, jekk iva, kif għandhom jiġu limitati l-lingwi tal-ħidma interna tal-istituzzjonijiet? Il-punti tal-għeluq ta' dawn il-konklużjonijiet jagħtu ftit suġġerimenti f'dan ir-rigward.

159. Bħala punt ta' tluq, naħseb li jkun importanti li ssir distinzjoni bejn lingwa(i) esterna(i) u interna(i) (ta' ħidma) ta' istituzzjoni.

160. B'lingwi ta' ħidma "interni", nagħmel riferiment għal lingwi li huma użati għal komunikazzjonijiet orali kif ukoll bil-miktub li ma humiex suppost li jħallu l-isfera interna ta' istituzzjoni (jew, skont il-każ, ta' żewġ istituzzjonijiet jew iktar, pereżempju fil-qafas ta' diskussjonijiet fil-laqgħat interistituzzjonali jew bil-miktub). Barra minn hekk, b'laqgħat interni jew interistituzzjonali jew tipi simili ta' avvenimenti, nifhem li dan ifisser biss dawk il-laqgħat li għalihom ma jkun preżenti l-ebda membru tal-pubbliku ġenerali. Dan jeskludi avvenimenti bħal seduti ta' smigħ jew sessjonijiet magħmula fil-Parlament Ewropew, kif ukoll seduti pubbliċi quddiem il-Qorti Ġenerali jew quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja, li min-natura tagħhom huma "esterni".

161. Bil-lingwi ta' ħidma "esterni", qed nirreferi għal lingwi użati għal kull tip ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub ma' individwi li ma humiex konnessi mal-istituzzjonijiet, inklużi uffiċjali u persunal ieħor tal-istituzzjonijiet, sakemm dawn jimpenjaw ruħhom f'komunikazzjoni orali jew bil-miktub ma' istituzzjoni fil-kapaċità privata tagħhom [63].

162. Għall-komunikazzjonijiet *esterni*, ir-regoli attwali dwar il-multilingwiżmu għandhom jibqgħu kompletament applikabbli mingħajr kompromessi jew derogi. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tippreserva l-multilingwiżmu, li l-importanza tiegħu hija ddikjarata fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(3) TUE u fl-Artikolu 22 tal-Karta [64]. L-obbligu li l-Unjoni Ewropea tirrispetta d-diversità lingwistika tagħha, li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet, jipprova l-valur għoli tal-multilingwiżmu bħala wieħed mill-valuri bażiċi tal-Unjoni Ewropea. Ċertament, l-obbligu ta' multilingwiżmu ma huwiex assolut u mingħajr xkiel, peress li ma jeżisti ebda prinċipju ta' dritt tal-Unjoni li jagħti "dritt lil kull ċittadin li jkollu verżjoni ta' kwalunkwe ħaġa li tista' taffettwa l-interessi tiegħu fformulata fil-lingwa tiegħu f'kull ċirkustanza" [65]. Madankollu, il-qofol ta' dan l-obbligu ma jistax, fil-fehma tiegħi, jintmiss. Dan il-qofol jinkludi, b'mod partikolari, l-atti kollha vinkolanti li għandhom jiġu infurzati kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru [66], kif ukoll dokumenti oħra mhux vinkolanti sa fejn jimponu, direttament jew indirettament, obbligi fuq l-individwi [67].

163. L-obbligu li jiġi rrispettat il-multilingwiżmu strettament japplika wkoll, skont l-Artikolu 41(4) tal-Karta, l-Artikolu 20(2)(d) ul-Artikolu 24 TFUE u l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1, kull meta individwu jikteb lill-istituzzjonijiet jew b'xi mod ieħor jindirizzahom, li mbagħad jinħoloq id-dritt li jirċievi tweġiba bl-istess lingwa użata minn dak l-individwu.

164. Għall-kuntrarju, għal komunikazzjonijiet *interni*, l-għażla tal-lingwi disponibbli u, b'mod iktar ġenerali, ir-regoli tal-lingwa applikabbli fi ħdan jew bejn l-istituzzjonijiet għandha tkun iktar flessibbli. Din il-flessibbiltà u l-potenzjal għal limitazzjonijiet mhux neċessarjament jirriżultaw minn kunsiderazzjonijiet ta' natura baġitarja [68], imma pjuttost mill-imperattiv ta' operabbiltà istituzzjonali

63 Kif diskuss iktar 'il fuq fil-punt 151.

64 Sentenza tal-5 ta' Mejju 2015, Spanja vs Il-Kunsill (C-147/13, EU:C:2015:299, punt 42).

65 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Kik vs UASI (C-361/01 P, EU:C:2003:434, punt 82).

66 Ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, EU:C:2007:773, punti 37 u 38); ara wkoll is-sentenza tal-12 ta' Lulju 2012, Pimix (C-146/11, EU:C:2012:450, punt 33).

67 Ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Polska Telefonia Cyfrowa (C-410/09, EU:C:2011:294, punt 34).

68 Fil-fatt, kif irrilevat ġustament ir-Repubblika Taljana waqt is-seduta, kunsiderazzjonijiet baġitarji ma jistgħux jiġġustifikaw diskriminazzjoni: ara per eżempju s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

interna raġonevoli. Din hija raġuni valida li fil-fehma tiegħi tista' tiġi invokata taħt l-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal u tista' titqies li hija oġġettivament iġġustifikata jekk tiġi applikata b'mod raġonevoli u proporzjonat, kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 88 tas-sentenza L-Italja v Il-Kummissjoni I.

165. Kwalunkwe għażla bħal din tkun tabilħaqq inerentement diskrezzjonali u politika għal żewġ raġunijiet: ċertament fil-livell ta' jekk u b'liema mod għandha ssir din l-għażla iżda wkoll, ladarba din l-għażla tkun saret, fil-livell ta' liema raġunijiet preċiżi għandhom jintużaw biex jiġġustifikaw dan. Għalhekk, għaż-żewġ raġunijiet l-istituzzjonijiet ikollhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni. F'dan ir-rigward speċifiku, madankollu, nixtieq nagħmel kjarifika doppja.

166. L-ewwel nett, għandha l-ġustifikazzjoni tas-sistema lingwistika tkun ġenerali u komprensiva jew pjuttost individwali u fuq bażi ta' każ b'każ? Ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' Spanja insistew dwar il-ħtieġa li tiġi ġġustifikata kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa fuq bażi individwali, mhux biss fil-qafas ta' kull kompetizzjoni, imma wkoll, jekk ikun meħtieġ, fir-rigward ta' kull pożizzjoni li għandha timtela.

167. Madankollu, jidhirli li l-prevedibbiltà u l-possibbiltà għal kandidati biex iħejju ruħhom minn qabel għall-kompetizzjonijiet jixhed pjuttost favur politika iktar ġenerali. Jista' jerġa' jitfakkar li fil-punt 90 tas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni I, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "r-regoli li jillimitaw l-għażla tat-tieni lingwa għandhom jipprevedu kriterji ċari, oġġettivi u prevedibbli sabiex il-kandidati jkunu jistgħu jsiru jafu suffiċjentement bil-quddiem liema eżiġenzi lingwistiċi huma meħtieġa, u dan sabiex ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom għall-kompetizzjonijiet fl-aħjar kundizzjonijiet".

168. Mhux għalkollox ċert kif dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfatt billi l-EPSO – jew, skont il-każ, awtorità tal-ħatra individwali – jiġi obbligat jimmotiva kull każ individwali mill-ġdid u mill-bidu nett. Dik is-sentenza minflok teħtieġ li tingħata tweġiba strutturata li tippermetti li l-kandidati jipprevedu s-sistema lingwistika li x'aktarx tapplika fil-futur – u mhux biss fil-futur qrib, iżda wkoll f'terminu ta' żmien medju. Fl-aħħar nett, f'termini prattiċi, li wieħed jinsisti għal motivazzjoni għal kull każ individwali mill-ġdid (mingħajr ma jkun hemm verament l-ebda fattur ta' distinzjoni) jirriżulta biss f'ripetizzjoni formalistika tal-istess ġustifikazzjoni, li x'aktarx tirriżulta f'sempliċi kkuppjar u ppejstjar tar-Regoli Ġenerali f'kull avviż individwali, mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni *individwali* reali.

169. B'hekk, minn din il-perspettiva, ikolli nammetti li approċċ ikkombinat li jkun hemm sett ta' linji gwida ġenerali, li jista' jkun hemm tbegħid minnhom f'każijiet individwali meta jkun iġġustifikat f'dak il-każ partikolari, jidhirli li huwa pjuttost mod raġonevoli kif tiġi prevista sistema ligwistika għall-kompetizzjonijiet [69].

170. It-tieni nett, il-ġustifikazzjoni tas-sistema lingwistika għandha tkun orjentata lejn il-passat u fattwali, jew pjuttost prospettiva u normattiva? L-iktar kwistjoni importanti f'din il-kawża tidher li hija preċiżament dik: x'tip ta' ġustifikazzjoni trid tiġi pprovduta sabiex tiġi limitata (it-tieni) lingwa disponibbli għal kandidati f'kompetizzjoni? Din il-kwistjoni ewlenija hemm riferiment għaliha b'mod indirett ħafna fil-kuntest tat-tieni u tat-tielet partijiet tat-tielet aggravju, moħbija fil-kwistjoni tal-limiti u tal-intensità tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali: *x'*suppost stħarrġet il-Qorti Ġenerali u *kif* suppost eżerċitat dan l-istħarriġ?

171. Imma huwa preċiżament meta wieħed jistaqsi din il-mistoqsija rilevanti li d-diskrepanza fl-ideat u fl-aspettattivi ta' xi jfisser li wieħed ikollu marġni ta' diskrezzjoni ssir pjuttost evidenti. Dak li EPSO – jew, possibbilment, l-istituzzjonijiet li huma rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija tal-EPSO – apparentement xtaq iwettaq kienet ċerta għażla (politika) f'termini ta' lingwi li għandhom jintużaw għal operazzjoni interna tal-istituzzjonijiet, bl-għażla ta' għadd ta' lingwi li huma jemmnu b'mod

69 Filwaqt li, nixtieq nerġa' nirrepeti, bl-ebda mod ma tiġi ġġudikata minn qabel il-kwistjoni dwar jekk l-EPSO jkollux is-setgħa li jadotta kwalunkwe Regoli Ġenerali bħal dawn, imħollija miftuħa espressament iktar 'il fuq fil-punti 69 sa 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

raġonevoli li jippermettu l-funzjonament intern tagħhom. Din hija għażla normattiva, prospettiva jew orjentata lejn il-futur. Imma minħabba li jidher li tali għażla ma tistax issir b'mod miftuħ (jew, fi kwalunkwe każ, billi l-istituzzjonijiet ma xtaqux jgħiduh fil-miftuħ, għal kwalunkwe raġuni), dak li effettivament ġie ppreżentat bħala argumenti għal dik l-għażla kienu dikjarazzjonijiet orjentati lejn il-passat dwar fatti (statistiċi u oħrajn) u ċerti użanzi u prattiki fi ħdan l-istituzzjonijiet.

172. Naturalment, ir-riżultat huwa diskrepanza bejn ir-raġunijiet (fattwali, orjentati lejn il-passat) invokati mill-EPSO biex jiġġustifikaw l-għażla tal-lingwi u r-raġunijiet (normattivi, orjentati lejn il-futur) li jirriżultaw minn din l-għażla. Din id-diskrepanza mmanifestat ruħha b'mod ċar fis-seduta orali, meta xi wħud mill-argumenti mressqa mill-Kummissjoni kellhom loġika ta' ċirkolarità distinta "Back to the Future IV": ċerta perċezzjoni tal-passat għandha tiddetermina għal dejjem il-futur, dawn huma l-passat u l-preżent li għandu jkun hemm għaliex dan huwa l-futur mixtieq, u peress li l-passat ma jistax jinbidel, lanqas jista' l-futur.

173. Għalhekk, biex tiġi evitata r-rikorrenza ta' fenomenu bħal dan fil-kawża L-Italja vs il-Kummissjoni III, l-EPSO – u, impliċitament, l-istituzzjonijiet li huma rappreżentati fil-Bord Amministrattiv tiegħu – għandu jiddeċiedi b'mod ċar kif jixtieq jipproċedi f'termini ta' għażla ta' lingwi u kif jixtieq jimmotiva kull limitazzjoni potenzjali: jew permezz ta' ġustifikazzjonijiet fattwali, orjentati lejn il-passat jew permezz ta' dawk normattivi, orjentati lejn il-futur. Jista' jkun mistenni li l-asserzjonijiet fattwali bbażati fuq il-passat u l-preżent jerġgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarja sħiħ. B'kuntrast, għażliet normattivi u orjentati lejn il-futur dwar is-sistema lingwistika tal-istituzzjonijiet forsi inqas minn hekk, sakemm jibqgħu kompatibbli mal-qafas legali validu, għax fil-fatt dawn x'aktarx ikunu ta' natura inerentement politika. Fuq kollox, ladarba ssir dik l-għażla, l-istituzzjonijiet inkwistjoni għandhom ikunu miftuħa u konsistenti fir-rigward tal-ġustifikazzjonijiet sottostanti.

174. Fl-aħħar nett, tkun xi tkun l-għażla tal-lingwa finali, fil-fehma tiegħi hemm żewġ limiti oħra dwar kif tali għażla għandha titwettaq f'termini prattiċi, meta jkunu qed jiġu tradotti f'qafas proċedurali.

175. L-ewwel nett, l-għażla tal-lingwi disponibbli għandha tkun ċara, oġġettiva u prevedibbli għall-kandidati, kif meħtieġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 90 tas-sentenza L-Italja v Il-Kummissjoni I. Jekk xi ħadd ikun qed jikkontempla karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej, huwa għandu jkun kapaċi jipprepara għal kompetizzjonijiet futuri. Dan bilfors jimplika ċertu grad ta' stabbiltà: il-lingwi li se jkun permess li jagħżel ma għandhomx jinbidlu kull sena. Għalhekk, approċċ flessibbli, fejn il-lingwi meħtieġa jistgħu jiġu adattati relattivament ta' spiss biex jissodisfaw it-talbiet ta' kandidati, bilkemm jista' jilħaq r-rekwiżit tal-prevedibbiltà, li tippermetti li – fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja – "il-kandidati jkunu jistgħu jsiru jafu suffiċjentement bil-quddiem liema eżiġenzi lingwistiċi huma meħtieġa, u dan sabiex ikunu jistgħu jippreparaw ruħhom għall-kompetizzjonijiet fl-aħjar kundizzjonijiet".

176. It-tieni nett, tkun xi tkun l-għażla magħmula, għandhom ikunu ggarantiti l-usa' ugwaljanza u newtralità fil-mod kif isiru l-kompetizzjonijiet. Fi kliem sempliċi: jekk ma tistax titratta lil kulħadd bl-istess mod (li jfisser li kull persuna tista' tiġi eżaminata fil-lingwi tal-għażla tagħhom), mela ttrattahom kollha ħażin bl-istess mod (kulħadd għandu jikkompeti bl-istess żvantaġġ). F'termini prattiċi, nista' naħseb mill-inqas f'żewġ eżempji tal-applikazzjoni ta' din ir-regola.

177. Min-naħa, jekk hemm aktar minn lingwa waħda disponibbli bħala t-tieni lingwa, li fiha jidher li l-parti deċiżiva tal-kompetizzjonijiet isseħħ fil-prattika, għandu jkun iggarantit (sa fejn hu possibbli) li l-kandidati kollha jkunu obbligati li jagħżlu l-lingwa mhux nattiva tagħhom bħala dik it-tieni lingwa. Il-kandidati ma jistgħux jitħallew jiksbu vantaġġ fuq dawk li l-ilsien nattiv tagħhom ma jidhirx fost dawk magħżula, billi jiddikjaraw b'mod strateġiku l-ilsien nattiv tagħhom bħala t-tieni lingwa tagħhom.

178. Min-naħa l-oħra, bl-implimentazzjoni tal-istess loġika, il-kandidati kollha għandhom ikunu obbligati jikkomunikaw mal-EPSO, inkluż il-mili tal-formola tal-applikazzjoni u jibagħtu d-dokumenti rilevanti, għal darba oħra fuq l-istess livell. Kwalunkwe vantaġġ indirett għandu jiġi evitat anki f'dan ir-rigward. Għalhekk, pereżempju, jekk il-lingwi uffiċjali kollha ma humiex disponibbli għal komunikazzjoni ma' u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet jew dokumenti oħra lill-EPSO, u komunikazzjoni oħra fil-proċedura ta' għażla sussegwenti, allura kandidati li l-lingwa nattiva tagħhom hija waħda mil-lingwi disponibbli ma għandhomx jitħallew jużawha. Għalhekk, għal darba oħra, ma jiksbux vantaġġ indirett billi jkollhom l-opportunità li jissottomettu dokumentazzjoni relevanti u kruċjali għall-proċess ta' għażla fl-ilsien nattiv tagħhom.

179. Fi ftit kliem, tkun xi tkun l-għażla li ssir, is-sistema għandha tkun iddisinjata b'tali mod li l-fatt li ċerta lingwa se tiġi offruta ma jkun jista' jagħti lill-kelliema nattivi ta' dik il-lingwa (u b'hekk, fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, ċittadini ta' Stat Membru partikolari) ebda vantaġġ dirett jew indirett fil-proċess tal-għażla.

## VI. Konklużjoni

180. Fid-dawl tal-kunsiderazzonijiet li ssemmew iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– tordna lill-Kummissjoni Ewropea tbati l-ispejjeż tagħha stess u dawk tar-Repubbklika Taljana.

– tordna li r-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Litwanja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.